# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 856 | Frar 2004










## Il-Bizzilla tagħna l-Għawdxin

# GĦONJA
# FIS-SERVIZZ TA' MĦABBA



**Caritas Għawdex**

# JIEM IMPORTANTI

## biex INT taħseb iktar f'ĦUTEK

**JUM IL-KARITÀ**
Fil-Festa ta' Kristu Re

**JUM IL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**
Fit-3 ta' Diċembru

**JUM IL-ĦAJJA**
Fl-Ewwel Ħadd ta' Frar

**JUM IL-MORDA**
Fil-11 ta' Frar

**KAMPANJA TA' SAGRIFIĊĊJU**
Matul ir-Randan kollu

**JUM IL-ĠENEROŻITÀ**
Qrib il-Festa Titulari ta' kull Parroċċa

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Mill-Knisja fid-Dinja • 9
Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Il-Bizzilla Famuża ta' Għawdex• 12
Il-Formazzjoni Nisranija taż-Żgħażagħ •16
Versi Riflessivi •19
"Ngħożżu l-Fidi li ġabilna San Pawl"•20
Bookmark • 22
Għawdex 300 sena ilu –
Il-Prezz tat-Tħin • 23
Tifsir fuq it-Tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (24) • 24
Il-Biedja f'Għawdex (23) • 26
Għawdex... Kif nafu u narah jien (2) •30
Xhieda Nisranija: Madre Ġemma Camilleri (2) •32
Għawdxin li għadna niftakru (12) -
Ġoġò tax-Xejxier • 34
Fehmet l-Għawdxin • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn Madwar id-Dinja • 42



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 856***
***Frar 2004***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail*: lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage*:**
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fit-28 ta' Jannar 2004*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
**Il-Bizzilla Famuża ta' Għawdex**
**(ara l-Intervista, pp. 12-15)**


# EDITORJAL

# *Il-Problemi ta' l-Iskejjel tal-Knisja f'Għawdex*

*Dan l-aħħar reġgħu issemmew il-problemi finanzjarji li qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom l-amministraturi ta' l-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex. Din mhix xi problema ġdida; l-iskejjel tal-Knisja fil-gżira tagħna ilhom jiffaċċjaw din il-problema għal snin twal, imma sforz is-sagrifiċċji kbar minn naħa tal-Knisja Għawdxija li dejjem emmnet bil-qawwa kollha fil-formazzjoni sħiħa ta' l-istudenti tagħna, l-iskejjel tagħha s'issa dejjem offrew l-għola livelli possibbli ta' edukazzjoni u opportunitajiet.*

*L-iskejjel tal-Knisja, anke f'Għawdex, jeħtieġ li jaġġornaw ruħhom maż-żmien u għalhekk iridu jkunu mgħammra b'faċilitajiet li ssibhom fi skejjel moderni. Għalhekk ma kienx lussu il-Kumpless Sportiv tas-Seminarju. Dan ma jfissirx li l-iskola tas-Seminarju kellha flus biżżejjed biex dan seta jsir, u għalhekk kien hemm bżonn li jsir xi self ta' flus.*

*L-istess nistgħu ngħidu għall-iskola sekondarja ġdida tal-bniet tal-Konservatorju ta' l-Isqof. Din infetħet għax kien hemm il-ħtieġa tagħha, peress li f'Għawdex ma kienet teżisti ebda skola tal-Knisja ta' din l-għamla. Biex setgħu jsiru estensjonijiet, il-flus meħtieġa ma ġewx mill-finanzi li kellha l-iskola, iżda għax għamlet tajjeb għalihom il-Kurja.*

*Issemmiet ukoll il-kwistjoni dwar l-għajnuna tal-Gvern. Din ma tirrigwardjax is-salarji ta' l-għalliema u ta' l-imjegati l-oħra biss, iżda wkoll is-somma ta' għaxra fil-mija fuq is-salarji kollha li skond il-ftehim bejn il-Knisja u l-Istat, għandha tingħata lill-iskejjel tal-Knisja għal ċerti spejjeż li jsiru minn żmien għal żmien. Jekk il-Gvern żied il-kontribuzzjonijiet tiegħu, din pjuttost tirrifletti ż-żieda fis-salarji ta' l-għalliema u mhux żieda fis-sussidju biex l-iskejjel tal-Knisja jlaħħqu mal-ispejjeż li jkollhom.*

*Mhux biżżejjed li d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ixandar il-figuri tal-flus mgħoddija lill-iskejjel tal-Knisja, imma hu mixtieq li tingħata informazzjoni wkoll jekk fadalx xi arrettrati tas-snin l-imgħoddija u jekk is-sussidju li jagħti l-Gvern jikkorrispondix ma' l-esiġenzi kif espressi fir-rapporti sottomessi lill-istess Gvern, min-naħa ta' l-amministrazzjoni ta' dawn l-istess skejjel.*

*L-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex m'għandhomx jitħallew f'dan l-istat ta' inċertezza; b'xi mod jew ieħor trid tinstab soluzzjoni. Però nistaqsu, din is-soluzzjoni x'sejra tkun? Li dawn l-iskejjel ikomplu jitgħabbew bid-djun? Li jittalbu mingħand il-ġenituri ta' l-istudenti? Jew inkella l-Gvern iħoss li għandu jagħmel il-parti tiegħu u jgħin skond il-ħtieġa li jkun hemm? Jew, dak li b'ebda mod ma nixtiequ, li l-iskejjel imsemmija ikollhom jillimitaw l-attività tagħhom u forsi wkoll agħar u agħar, imutu bil-mod il-mod mewta naturali?!*




### *'Carol Service' fil-Festi tal-Milied mil-'Legion of Mary'*

Nhar is-17 ta' Diċembru, bħala parti miċ-ċelebrazzjoni tal-festi tal-Milied, il-Leġjun ta' Marija organizza *Carol Service* fejn inqraw siltiet mill-Bibbja u ġew kantati diversi *carols* tradizzjonali. F'din l-okkażjoni nqara wkoll messaġġ tal-Isqof, fejn qal li t-twelid ta' Kristu kien bħal dawl li niżel mis-Sema biex idawwal id-dlamijiet tad-dinja u jimliena bit-tama u bil-ferħ.

### *Messaġġi ta' Awguri fuq ir-Radjijiet Kommunitarji*

Din is-sena, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi inqeda bir-Radjijiet Kommunitarji biex jibgħat l-awgurji tiegħu, kemm tal-Milied kif ukoll tal-Ewwel tas-Sena. Nhar it-23 ta' Diċembru hu bagħat l-awgurju tal-Milied lin-nies kollha tad-Djoċesi t'Għawdex, fejn aċċenna li l-Milied ma seħħx biss elfejn sena ilu imma hu ġrajja li rridu nħossuha ta' kull sena, u għalhekk il-Milied jeħtieġ li ma jkunx wieħed profan fejn il-ħtiġijiet tar-ruħ ma nagħtux kashom. Hu għalaq il-messaġġ tiegħu billi awgura il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd. Fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida Mons. Isqof għal darb'oħra bagħat l-awgurju tiegħu permezz tar-Radjijiet Kommunitarji fejn aċċenna ħafna fuq il-problema tan-nuqqas ta' paċi fid-dinja ta' żminijietna. Hu semma d-diversi gwerer li smajna u għadna nisimgħu dwarhom, fosthom tal-Iraq. Mons. Isqof ħeġġeġ biex f'din il-ġurnata iddedikata għall-paċi nitolbu lill-Mulej biex idawwal l-imħuħ u hekk dan ikun l-isbaħ awgurju għalina, il-familji tagħna, pajjiżna u d-dinja kollha.

### *Laqgħa tal-Awguri lis-Saċerdoti - Rapport tal-Isqof dwar id-Djoċesi*

Bħal fil-bidu ta' kull sena, nhar is-Sibt 3 ta' Jannar, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u l-kleru ltaqgħu flimkien biex jagħtu l-awgurju tas-sena l-ġdida lil xulxin. F'diskors qasir tiegħu Mons. Isqof għamel referenza għas-7 Kungress Pastorali Djoċesan li sar bejn l-14 u s-16 ta' Novembru 2003 bit-tema 'Nibnu Kommunità Awtentikament Nisranija'. Ir-riżoluzzjonijiet ta' dan il-Kungress qed jidhru biċċa biċċa fl-Atti tal-Kurja u imbagħad aktar 'l quddiem jiġu ppubblikati f'librett. Fost il-'*big issues*' tal-Kungress l-Isqof tkellem dwar l-abbużi tad-droga, alkoħol, tipjip u qal li hi meħtieġa kampanja biex jitrażżnu dawn l-abbużi. Semma' ukoll il-problemi taż-żgħażagħ u tal-familji. Dwar iż-żgħażagħ hu qal li hemm ċerti problemi li qed jinħassu aktar minn qabel, u fakkar lis-saċerdoti li huma għandhom iħossu r-responsabilità tal-ħidmiet pastorali favur iż-żgħażagħ, u anki aċċenna għall-fatt li mhux ta' min jittraskura ċ-ċentri parrokjali. Dwar il-familji hu fakkar dak li ġie diskuss fil-Kungress u qal li l-familji llum qed jiġu milquta minn diversi problemi, fosthom infedeltajiet fiż-żwieġ u tilwim. Mons. Isqof reġa' għamel aċċenn favur il-'*homevisits*'. F'dan id-diskors l-Isqof insista wkoll dwar l-inventarju tal-bini kulturali li għandu jsir fil-knejjes t'Għawdex. Barra minn dan, fost il-membri tal-kleru qed jitqassmu kopji tal-*Vademecum* għas-Saċerdoti, li ġie stampat reċentament.

### *Ottava ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara*

Fil-knejjes t'Għawdex bejn il-Ħadd 18 u s-Sibt 25 ta' Jannar inżammet bħas-soltu l-Ottava ta' Talb għall-għaqda tal-Knejjes Insara, bit-tema "Nagħtikom il-Paċi tiegħi" meħuda mill-Vanġelu ta' San Ġwann. Ġiet ukoll iċċelebrata l-quddiesa b'din l-intenzjoni li hemm fis-Sagramentarju Malti. Din l-

ottava hi rikonoxxuta mit-Tieni Sinodu t'Għawdex, fejn fost l-oħrajn isemmi li għandha tkun imħeġġa bil-ħerqa kollha l-ħidma ekumenika ma' ħutna l-Insara li m'humiex f'għaqda sħiħa mal-Knisja. Anki bħala parti minn din l-ottava, ġewwa l-parroċċa ta' Kerċem saret Ċelebrazzjoni Ekumenika fejn fost oħrajn attendew il-*Pastor* Anglikan u Metodist, flimkien ma' Mons. Rużar Borg li mexxa din iċ-ċelebrazzjoni. Il-messaġġ tal-Isqof inqara mill-istess Mons. Rużar Borg u l-*Pastor* Anglikan wassal ukoll il-messaġġ ekumeniku tiegħu permezz ta' diskors li hu ghamel waqt din iċ-ċelebrazzjoni.

***Festa ta' Sant' Anton Abbati***



Nhar il-Ħadd 18 ta' Jannar fix-Xagħra saret il-festa ta' Sant' Anton Abbati. Fid-disgħa ta' filgħodu sar it-tberik taż-żwiemel mill-Arċ. Mons. Ewkarist Sultana. Imbagħad filgħaxija Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni ġewwa l-Bażilika u wara purċissjoni lejn il-Pjazza Sant' Anton, fejn sar it-tberik tal-'*pets*'. Iċ-ċelebrazzjoni għalqet bil-Barka Sagramentali minn Mons. Isqof ġewwa il-kappella ddedikata lil dan il-Qaddis fix-Xagħra.

***Quddiesa għall-Ġurnalisti***

Fl-okkażjoni tal-festa ta' San Franġisk de Sales, il-qaddis patrun tal-ġurnalisti, ġiet iċċelebrata quddiesa għall-ġurnalisti għawdxin kollha. Fl-omelija tiegħu Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi tkellem dwar id-dritt tal-libertà tal-istampa imma fakkar ukoll dwar is-sens ta' responsabilità li l-ġurnalist għandu jkollu. Huwa semma' d-dmir li l-ġurnalist nisrani għandu biex jikteb il-verità, u jkun prudenti u karitattiv fl-argumenti jew tagħrif li jxandar. Aktar dettalji ta' dan id-diskors jidhru fl-Atti tal-Kurja.










# X'ġara dan l-aħħar



Lelio Spiteri

## *Inawgurat Monument fil-Qala*



Il-Ħadd 18 ta' Jannar l-Onor. Dr. Eddie Fenech Adami, Prim Ministru ta' Malta inawgura monument f'ġieħ Anton Buttigieg, wild dan ir-raħal. Huwa kien surmast, edukatur u storiku. Il-proġett tal-monument fil-Qala sar mill-Kunsill Lokali tal-Qala flimkien mal-familja Buttigieg. Saru kelmtejn ta' l-okkażjoni mis-Sindku Paul Buttigieg kif ukoll mill-Prim Ministru. Waqt iċ-ċerimonja nqrat bijografija tas-sur Anton Buttigieg u żewġ poeżiji miktuba mill-istess Buttigieg. Inqrat ukoll poeżija li nkitbet għall-okkażjoni minn Josette Buttigieg, waħda mit-tfal ta' Anton Buttigieg. Ħadet sehem il-banda *"Ite ad Joseph"* kif ukoll il-kor tat-tfal ta' l-iskola primarja 'President Anton Buttigieg'. Ta' min igħid li l-monument kien iddisinjat minn Salvina Aquilina u l-bust maħdum minn Maryrose Caruana, it-tnejn li huma ulied Anton Buttigieg u tbierek mill-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo. Matul iċ-ċerimonja s-sindku ta tifkira ta' ringrazzjament u rikonoxximent lil Angela Portelli, li għal disa' snin sħaħ tat kontribut siewi f'ħidmet il-Kunsill Lokali tal-Qala.

## *"St Laurence Spurs" għandhom 'website'*

It-tim ta' St. Laurence Spurs għadu kemm inawgura il-*website* tiegħu "*http://www.stlaurencespurs.com*", *website* li hija frott tal-kumitat ta' dan il-klabb kif ukoll ta' Charles Mercieca li bena l-*website*. Fil-*website* wieħed isib l-istorja tal-klabb, intervista ma' wieħed mill-fundaturi tal-klabb Toni Formosa u informazzjoni dwar il-plejers u l-kumitat. L-inawgurazzjoni ta' dan is-sit saret is-Sibt, 27 ta' Diċembru, mis-Sindku ta' San Lawrenz, Noel Formosa.

## *Ftuħ tal-Festi Ċentinarji fil-Fontana għas-Sena li ġejja 2005*

Il-festi biex ifakkru l-mitt sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali bdew is-Sibt, 24 ta' Jannar b'quddiesa mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci u wara sar programm mużikali fuq iz-zuntier mill-Banda Ċittadina *La Stella*. Sar it-tlugħ tal-Bandiera taċ-Ċentinarju u ħruq tan-nar ta' l-art u ta' l-ajru. Il-Ħadd, 25 ta' Jannar saret akkademja mużiko-letterarja bis-sehem tal-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar minn Mons. Dr. Joseph Bezzina. Inqrat poeżija miktuba għall-okkażjoni minn Ġanninu Cremona. L-akkademja kienet taħt il-patroċinju tal-E.T. Profs. Guido deMarco, President ta' Malta. Ta' min iżid li apparti attivitajiet reliġjużi oħra, il-Ħamis, 29 ta' Jannar ġie mfakkar id-99 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi bis-sehem tas-saċerdoti mwielda fil-parroċċa u bis-sehem ta' l-orkestra taħt id-direzzjoni ta' Mro. Carmel P. Grech, *Maestro di Cappella* u l-Kor *Stella Maris*. Tbierku żewġ dijademi tal-fidda li ser jitqegħdu waħda fuq ras San Ġużepp u l-oħra fuq ras il-Bambin ta' l-istatwa ta' San Ġużepp.

## *"Comenius" fin-Nadur*



L-Iskola Primarja Mons. Salv Vella tan-Nadur għadha kemm nediet it-tieni proġett tagħha bħala parti mill-programm *Comenius*. Dan il-proġett ser jgħin lill-iskola tistabilixxi kuntatt ma' ħames skejjel oħra Ewropej, skejjel fl-Ingilterra, il-Finlandja, id-Danimarka, Franza u l-Italja. Żjara bħala bidu għal dan il-proġett inzammet fir-reġjun ta'Lazio l-Italja bejn l-24 u s-26 ta' Novembru. Iż-żjara kienet organizzata mill-*Istituto Comprensivo G. Montezemolo* ta' Ruma. Għal din il-laqgħa introduttorja, attendiet l-kap ta' l-iskola Ms. Evleyn Galea. Waqt iż-żjara saru diskussjonijiet u ħarġiet kulturali




## *Ta' Kerċem f'Orvieto - ġemellaġġ*

Waqt ħarġa kulturali fl-Italja bejn it-Tnejn 1 u s-Sibt 6 ta' Diċembru 2003 u li fiha pparteċipaw grupp ta' mija u tletin persuna minn Kerċem, ġie ffirmat uffiċjalment il-ġemelaġġ bejn il-Kunsill Lokali ta' Kerċem u l-Comune ta' Orvieto fl-Umbrija l-Italja. Matul dawn is-sitt'ijiem, il-grupp kellu l-opportunità li jippartecipa f'bosta attivitajiet f'uħud mill-isbaħ bliet u postijiet ta' l-Italja. Il-Banda San Girgor ukoll tat is-sehem tagħha. Ta' min isemmi fost oħrajn iż-żjara li l-grupp kellu fil-Vatikan u l-udjenza mal-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II.

## *Il-Ġmiel ta' Għawdex fl-Arti ta' George Scicluna - Wirja fir-Rabat*

Il-Fundazzjoni Belt Victoria flimkien mal-Kumitat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex tellgħet wirja bl-isem ta' *Charms of Gozo*. Din kienet kollezzjoni ta' xogħlijiet ta' pittura biż-żejt ta' George Scicluna. Il-kwadri kienu juru bosta xeni ta' seħer li toffri l-gżira tat-tliet għoljiet. Il-wirja infetħet uffiċjalment mill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono l-Ġimgħa 19 ta' Diċembru 2003 u baqgħet miftuħa fil-Banca Giuratale sat-2 ta' Jannar. Il-qligħ mill-bejgħ tal-pitturi mar għall-bini ta' mużew li 'il quddiem ser jilqa' fih dawk ix-xogħolijiet ta' arti li għandhom rabta mal-Bażilika ta' San Ġorġ.

## *"Illum... Tweldilkom Salvatur" fix-Xagħra*

Dan kien l-isem ta' presepju ħaj li sar fil-jiem tal-Milied f'razzett ġewwa x-Xagħra. Dan il-presepju ġie magħmul miż-żgħażagħ u l-adolexxenti li jattendu ċ-Ċentru Ġesù Nazzarenu tax-Xagħra. Il-presepju nfetaħ lejlet il-Milied u baqa' miftuħ sa' l-4 ta' Jannar. Ta' min iżid ukoll li anke l-abbatini Kapuċċini tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja għamlu presepju li sar fl-istalel tal-kunvent, li għandhom 'il fuq minn 265 sena.

## *200 Sena mit-Tberik tal-Knisja Bażilika tan-Nadur*




Is-sena 2004 ser tkun importanti għal-lokalità tan-Nadur għax f'din is-sena ser jitfakkar il-Mitejn Anniversarju minn meta tlestiet u tbierket il-Knisja Parrokkjali. Għal dan il-għan twaqqaf kumitat li ħejja pjan ta' ħidma pastorali fost il-komunità tan-Nadur bil-motto "Naqdu lil Kristu biex ninbnew f'Tempji ta' Alla". Dawn il-festi biċentinarji fetħu fl-1 ta' Jannar u jilħqu l-qofol tagħhom fil-festa ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl fid-29 ta' Ġunju li ġej.

## *"Creations" - Wirja oħra artistika ta' Joseph Baluci*

Il-wirja b'dan l-isem kienet tikkonsisti f'34 pittura ta' l-artist Joseph Baluci. Din ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex il-Ħadd, 3 ta' Jannar fil-Banca Giuratale u baqgħet miftuħa sal-15 ta' l-istess xahar. Ħafna mill-kwadri kienu juru xeni ta' Malta u Għawdex. Parti mill-qligħ mar għall-Moviment Ġesù fil-Proxxmu ta' Dun Ġorġ Grima.



## *Kunċerti fil-Milied li għadda*

Żmien il-Milied huwa żmien fejn matulu jittellgħu diversi kunċerti b'mużika relatata ma' dan iż-żmien tas-sena. Fost dawn insemmu l-kunċert li sar it-Tlieta 23 ta' Diċembru ġewwa l-knisja ta' San Ġakbu fejn il-kumitat *Circolo Gozitano* flimkien ma' Mro. Joseph Debrincat tellgħu kunċert strumentali bis-sehem tal-*Moods String Quartet* minn Malta. Fil-kunċert ġew esegwiti xogħlijiet klassiċi u natalizji. Kunċert iehor bl-isem ta' *Carols by Candlelight* ġie mtella' mill-i*Schola Cantorum Jubilate* tax-Xagħra l-Ħadd 21 ta' Diċembru 2003 f'ristorant magħruf f'Marsalforn. Ms. Marouska Attard idderiġiet il-kor, Mro. Stephen Attard daqq l-orgni u Chris Cini l-vjolin. Il-profitt mill-kunċert mar għad-Dar Gużeppa Debono.

## *Għajnuna Finanzjarja mill-Ministeru t'Għawdex lil Żewġ Teatri*

Il-Ġimgħa 16 ta' Jannar il-Ministru għal Għawdex tat għotjiet finanzjarji liż-żewġ teatri ta' l-opra f'Għawdex. Is-somma kienet ta' Lm5000. Dan sar bħala parti minn ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u t-teatri *Astra* u *Aurora* fejn il-gvern jagħti kontribut finanzjarju fil-produzzjoni ta' l-opra lirika li ssir kull sena f'Għawdex f'dawn iż-żewġ teatri.

## *Wirja Filantropika b'risq "Dar għall-Annimali" meħtieġa f'Għawdex*

Il-Ġimgha 16 ta' Jannar ġiet inawgurata esibizzjoni fil-Banca Giuratale, Victoria, bil-għan li jinġabru fondi b'risq il-bini ta' dar għall-annimali hawn Għawdex. Din l-esebizzjoni ġiet organizzata mill-*Gozo Animal Sanctuary Association* u x-xogħlijiet kienu ta' bosta artisti Maltin u barranin. Il-wirja baqgħet miftuħa sal-24 ta' Jannar.

## *"Għawdex Irodd Ħajr" - Unur ġdid għal Għawdxin li jistħoqqilhom rikonoxxenza*

Dan il-premju beda jingħata lil dawk l-Għawdxin li għamlu jew qed jagħmlu ġid u ġieħ lil Għawdex permezz tal-ħidma tagħhom. L-ewwel edizzjoni ta' dan il-premju saret is-Sibt 20 ta' Diċembru f'lukanda ewlenija hawn Għawdex. Ir-rebbieħ ta' din l-ewwel edizzjoni ta' dan il-premju kien l-E.T. Dr. Ċensu Tabone. Il-Medalja tal-Fidda kienet ippreżentata lil Dr. Tabone mill-Prim Ministru l-Onor. Dr. Eddie Fenech Adami. Is-Sur Euchar Mizzi għamel diskors ta' introduzzjoni. Saret preżentazzjoni awdjo-viżiva dwar ħajjet Ċensu Tabone. Is-Sur Franco Masini għamel id-diskors ewlieni. Il-Prim Ministru għamel ukoll kelmtejn ta' l-okkażjoni. Is-serata kienet imżewqa b'mużika klassika mill-Mro. John Galea u l-mara tiegħu s-sopran Mrs. Yvonne Galea.

## *Mro. Nazzareno Refalo - Apprezzament lil Mużiċista magħruf*

Is-Surmast Nazzareno Refalo mix-Xagħra ħalla din id-dinja fl-età ta' 89 sena wara karriera brillanti ta' edukatur, tenur, surmast u kompożitur. Il-funeral tiegħu sar fit-13 ta' Jannar u l-quddiesa funebri kienet immexxija mill-E.T. Mons. Nikol Cauchi isqof ta' Għawdex ma' diversi saċerdoti. Fil-funeral ħadu sehem mijiet kbar ta' nies u l-Banda *Victory* ta' l-istess lokalità.

## *Premju "Ġieħ ix-Xewkija" lil Ġużepp Vella*



Għat-tieni sena konsekuttiva bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum ix-Xewkija, l-Kunsill Lokali nieda l-Premju Ġieħ ix-Xewkija. Dan il-premju ingħata l-ewwel darba is-sena l-oħra u kien intrebaħ minn Żakkarija Cilia għax-xogħol siewi illi huwa wettaq f'diversi kampijiet soċjali għall-ġid tar-raħal tax-Xewkija. Din is-sena l-premju intrebaħ minn Ġużepp Vella li spikka fix-xogħol li għamel fil-bini tal-knisja Rotunda.




## *Il-Kalendarju tal-Papa għal din is-Sena 2004*

Il-Vatikan ħareġ kalendarju ta' attivitajiet ippjanati għal din is-sena.

Fis-17 ta' Marzu, il-Papa se jkun it-tielet l-aktar Papa li dam fl-istorja tal-Knisja, wara Piju IX li dam fuq 31 sena u San Pietru li dam almenu 34 sena.

Minkejja t-tħassib dwar is-saħħa tal-Papa, hemm ippjanati għadd ta' ġrajjiet importanti, fosthom Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar l-Ewkaristija. Hemm ukoll almenu pjanijiet preliminari għal aktar vjaġġi papali tul din is-sena.

Il-kelliemi għall-Vatikan, Joaquin Navarro-Valls ikkonferma li l-Papa aċċetta b'mod tentattiv diversi inviti għal dawn il-vjaġġi. Hu jittama li jmur fis-Santwarju Marjan ta' Mariazell, fl-Awstrija, fl-24 ta' Mejju; f'Berne, fl-Isvizzera, fil-5 u 6 ta' Ġunju; fi Franza, fil-25 u s-26 ta' Settembru u saħansitra fi Guadalajara, il-Messiku, fl-10 ta' Ottubru għat-48 Kungress Dinji Ewkaristiku. Dawn il-pjanijiet kollha jiddependu għal kollox fuq is-saħħa tal-Papa.

Fost pubblikazzjonijiet oħra li jistgħu jidhru din is-sena hemm l-aħħar ktieb ta' Ġwanni Pawlu II: riflessjoni fuq l-esperjenzi pastorali tiegħu bħala isqof. Hu mifhum li l-Papa temm ix-xogħol fuq dan il-ktieb tul is-Sajf 2003. Waħda mid-dati possibbli għall-pubblikazzjoni tiegħu hi t-18 ta' Mejju, meta l-Papa jagħlaq 84 sena.

## *Aktar avvenimenti mistennija fil-Programm tal-Vatikan għal Dinja Aħjar*

Il-Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika aktarx ittemm xogħol fuq dokument dwar l-użu tal-psikoloġija fl-għażla u fil-formazzjoni tas-seminaristi.

Il-Kunsill Pontifiċju għall-Ġustizzja u l-Paċi jittama li jippubblika kompendju tat-tagħlim soċjali kattoliku, proġett mibdi mill-mejjet Kardinal Vjentamita Francois Xavier Nguyen Van Thuan.

Intant ser ikomplu t-tħejjijiet għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, li għandhom iwasslu għaċ-ċelebrazzjoni fl-2005 f'Kolonja, il-Ġermanja.

Il-Kunsill Pontifiċju għall-Familja se jkun involut fl-organiżżazzjoni tal-Jum Dinji għall-Familji li se jsir f'Valencia, Spanja, fl-2006.

## *Qassis li ppubblika Innijiet Reliġjużi, meħlus minn ħabs Ċiniż*

Qassis tad-Djoċesi ta' Wenzhou, li kien fil-ħabs għax ippubblika innijiet mingħajr l-awtorizżazzjoni meħtieġa, inħeles fil-Milied, sentejn qabel ma skonta s-sentenza kollha.

Dun Paul Jiang Sunian, ta' 35 sena, inħeles minħabba "imġieba tajba", irrapportat l-aġenzija kattolika *UCA News*. Hu kien ġie arrestat fil-25 ta' Novembru 1999 u uffiċjalment miżmum taħt arrest mit-23 ta' dik is-sena, għax ġie kkonsidrat ħati ta' stampar illegali ta' 120,000 ktejjeb ta' innijiet reliġjużi. F'April 2000, ġie kkundannat sitt snin ħabs u ordnat iħallas somma ekwivalenti għal xi $33,000.

Il-*UCA News* qalet li l-Knisja f'Wenzhou, fil-provinċja ta' Zhejiang, ma tistax tkompli bil-ħidma tagħha. L-Isqof James Lin Xili ta' Wenzhou ġie mċaħħad mil-libertà tal-moviment u ġie kkonfinat għall-katidral tal-knisja "patrijottika" approvata mill-Gvern, illi ma tagħrafx uffiċċjalment l-awtorità tal-Papa.

Għandek xi tip ta' propjetà għall-bejgħ: Farm Houses - Appartamenti - Plots u Raba'?
Jekk tixtieq tbiegħ xi propjetà, asal wasla s'għandna jew ċempel lil

**J. DEBRINCAT LIMITED**

*Pjazza San Franġisk, Victoria - Gozo Tel.21553960 - 21560102 \ Fax:21560103*
*Email: jdmail@debrincat.com.mt* ***www.debrincat.com.mt***




### *Sena ta' Ċentinarji... 7 b'kollox!*

Irrid inkellem waħda lill-kappillan biex nara għaliex aħna waħda mill-ftit parroċċi t'Għawdex li m'għandna l-ebda ċentinarju dis-sena! Irrid nara jħallinix infittex u nqalleb fl-Arkivji Parrokkjali biex nara nsibx xi ħaġa li għalqet 100, 200 jew 1000 sena jew aktar, basta jkollna ċentinarju aħna wkoll! U rrid ngħaġġel, għax jekk ma naħsbux kmieni ma jirnexxilniex nġibu xi kardinal għall-okkażjoni! Bis-saħħa t'hekk inressqu iktar nies lejn il-Knisja "ta' Kristu"!...

Hekk għadna naħsbuha hawn Għawdex 40 sena wara l-Konċilju! Ir-raġuni hija waħda: Tinbidel id-dinja, imma ċerta mentalità f'Għawdex ma tinbidilx kif ġieb u laħaq!

### *Triq li għandek tevita s-Sibt filgħodu...*

Waħda mill-iktar toroq li saru traffikużi hi t-triq ta' l-iskola tax-Xewkija. Vera kienet idea tajba li parti minnha ssir "*one way*" biex it-traffiku jimxi aħjar. Imma s-Sibt filgħodu l-parti l-oħra mhix "*one way*" tkun, iżda magħluqa kompletament minħabba l-karozzi ipparkjati fuq kull naħa -min ħiereġ biċ-ċilindru u min bil-ħbejża! Qed nistennew li jiġri xi aċċident kbir biex ikun hemm pulizija jew '*warden*' ...!

### *Fil-Qorti... fejn tista' tmut bin-nervi jew bil-ġuħ!*

Ġejt imħarrek bħala xhud il-Qorti: jien kieku wasalt skond l-avviż, iżda ħlist biss 7 (iva seba'!) sigħat wara! U bla ma ssejjaħt fl-awla!

Mistoqsija ovvja: Għaliex il-kawżi jissejħu kollha fl-istess ħin?! Teżisti programmazzjoni serja?!

Folol ta' nies imħarrka donnok it-Tokk f'xi festa; allura ma ssibx fejn toqgħod bil-qegħda u ma hemmx ċar fejn tistaqsi x'mistenni minnek.

Nissuġġerixxi li fl-intrata jkun hemm impjegat bi skrivanija għall-informazzjoni meħtieġa.

Hemm żgur bżonn ta' iktar siġġijiet u bankijiet. Waqt li kont nistenna, dort ftit 'l hawn u 'l hemm u nnotajt diversi kmamar u spazji oħra battala u mitluqin, li jistgħu jservu ta' *waiting rooms*.

Problema oħra tfaċċat ma' nofsinhar: *Coffee machine* ma hix biżżejjed biex ittaffi l-ġuħ. Mn'alla kont tellajt ċikkulata miegħi! Ċert li kieku jitfaċċa xi ħadd bil-pastizzi jew bil-panini, jagħmel erba' soldi ġmielhom! Inkella jsir bottegin qrib!

Tgħid qed nistennew sa ma jitla' ċ-Ċentru Ċiviku li kien imwiegħed snin ilu mill-Gvern preżenti?!

### *Fl-Isptar... Ajma x'ħass ħażin!*

Inżid ħaġa oħra ma' dak li ktibt fil-ħarġa ta' Diċembru dwar l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. L-aħħar li kelli bżonn immur fl-*Outpatients*, innotajt ċertu diżordni fil-kjuwijiet - kemm għall-ispiżerija u kemm mat-tieqa fejn isiru l-appuntamenti. Barra minn hekk, il-passaġġ tal-*consulting rooms* ma fihx siġġijiet biżżejjed: rajt diversi anzjani (u nisa tqal) bil-wieqfa u jserrħu mal-ħajt. Jista' jkun li forsi ssejħu kmieni wisq, iżda fl-opinjoni tiegħi, faċilment jistgħu jiżdiedu aktar bankijiet mat-tul kollu. Almenu ma jħossokx ħażin bl-għajja fejn suppost tmur biex tfieq...

## *Ritratt... b'mistoqsija!*



*Jaqaw dan reġgħu ħabtu għalih it-Torok?! Jew qed jistenna lil xi Granmastru biex jiġi jsewwih?!*

# *Dħalna fis-Sena 2004!*

## *Ħu nteress f'dak li qed jiġri fil-gżira tagħna billi taqra*

# IL-ĦAJJA f'Għawdex




## *IL-LEĦEN EWLIENI TA' L-GĦAWDXIN!*

*10 ħarġiet fis-sena, b'56 paġna dwar:*

- **Il-ħidma tal-Knisja f'Għawdex**
- **Aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti tal-ħajja għawdxija**
- **Kummenti fuq il-ħajja reliġjuża, soċjali, u kulturali**
- **Intervisti ma' persuni Għawdxin u esperjenzi attwali**
- **Artikli ta' natura ġenerali**
- **Fehmiet il-Qarrejja**
- **Storja u Folklor tal-gżira tat-Tliet Għoljiet**
- **Sports u Sportivi Għawdxin**
- **L-aħjar mod biex tirreklama fost 5000 qarrejja regolari**

Ġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2004, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla' din il-formola u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew *money order* ta' Lm3 jew Lm5 lill-

*Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, VCT111, Għawdex.*

---

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

*Nixtieq nabbona (ġdid)* ☐ *jew inġedded l-abbonament* ☐ *għall-2004*

☐ *Lm3 Abbonament Regolari*

☐ *Lm 5 Abbonament Sostenitur* FIRMA ____________________

L-INTERVISTA

# Il-Bizzilla Famuża t'Għawdex

**Dun Eddie Zammit jintervista lil**
**Consiglia Azzopardi, Direttur fil-Kooperattiva Għawdxija tal-Bizzilla u Artiġjanat, u President tal-*Malta Lace Guild*, *Co-ordinator* tal-*Lace Making Programme* fiċ-Ċentru tal-Università t'Għawdex,**
**Għalliema tal-Bizzilla fl-Iskola tal-Arti f'Għawdex**



***Kif bdejt tinteressa ruħek fil-bizzilla?***

L-interess tiegħi fix-xogħol tal-bizzilla imur ħafna 'l bogħod. Jien trabbejt maz-zija u kienet timbuttana biex inżidu l-interess tagħna fil-ħjata b'mod partikulari. Fis-sajf iz-zija kienet tħejjilna l-bizzilla u tatna l-ewwel lezzjonijiet. Waħda mill-ewwel xogħlijiet li ħdimt kienet biċċa xogħol li ħaditli s-sajf kollu biex ħdimtha. Kienet biċċa xogħol tal-bizzilla li konna ħdimna għal wieħed mill-artali tal-knisja ta' raħal twelidi, l-Għarb. Din il-bizzilla għadha hemm u meta naraha niftakarha. Minkejja li kelli interess f'diversi xogħol tal-idejn bħal ħjata u rakkmu, insiġ, u xogħol ieħor, il-bizzilla dejjem baqgħet il-favorita tiegħi. Qatt ma bsart li meta jgħaddi ż-żmien minn fuqi ser nibqa' daqshekk qalbi marbuta max-xogħol tal-bizzilla. Meta kbirt komplejt l-edukazzjoni tiegħi u ilħaqt għalliema. Għalkemm fil-preparazzjoni tiegħi ta' għalliema l-bizzilla ma kienetx waħda mis-suġġetti tiegħi, erġajt skoprejtha iktar tard. Meta żżewwiġt, u allura dak iż-żmien kont trid tirriżenja mix-xogħol, fil-ħin li kelli erġajt dort għaliha.

***X'ġagħlek terġa' tiskopri l-bizzilla?***

Bdiet bħala inizjattiva ta' *fund raising*. Għall-aħħar tas-sebgħinijiet, meta kelli t-tfal jattendu l-iskola tas-sorijiet, kont għamilt suġġeriment bħala attività ta' *fund raising* biex nagħti kors tax-xogħol tal-bizzilla. L-attività rnexxiet tant li meta bdiet it-*trade school* tax-Xagħra u kellhom bżonn ta' għalliema *part-time* tal-bizzilla ssuġġerew lili. Bdejna mix-xejn. La kellna kotba u lanqas disinji. Bdejna mill-bidu nett. Pinġejt xi disinji jien, u bdejt ngħallem l-ewwel affarijiet bażiċi tal-bizzilla. Rajt li l-interess tat-tfal beda kulma jmur jiżdied. Meta kelli t-tfal erġajt ħriġt mit-*trade school* biex erġajt lura wara xi snin, meta bdejt bħala għalliema fl-iskola tal-arti meta din fetħet f'Għajnsielem.

U wieħed mis-suġġetti li ġibed l-interess fl-iskola l-ġdida tal-arti kienet il-bizzilla.. Bdejna mal-ewwel bil-kbir. Bdew jiġu ħafna studenti. Tant kien kbir in-numru li kellna nġibu diversi għalliema miegħi. Il-kors prattikament kien ta' tliet snin. Kien ikollna dejjem madwar 100 persuna li kienu jiġu għal dawn il-klassijiet u l-interess kien dejjem jikber. Il-persuni kienu ta' diversi etajiet. L-interess kompla jikber f'kuntatti li għamilna ma' organizzazzjonijiet barra minn Malta.



### *Kif bdejtu b'dawn il-kuntatti?*

Darba ġew xi ħbieb Ġermaniżi li stednuna biex nipparteċipaw f'Kungress Internazzjonali organizzat mill-OIEFA (Organizazzjoni Internazzjonali tal-Bizzilla Biċ-Ċombini u bil-Labra) fi Frankfurt. Jien attendejt bl-għajnuna tal-Ministeru t'Għawdex. Kellna *stand* għalina. Esponejna bizzilla antika u ftit moderna. Għamilna wkoll *demonstration* b'imħadda (trajbu) tagħna. Dak in-nhar fil-*gala dinner* ilbist ukoll għonnella u xalla tal-bizzilla tal-ħarir minn tan-nanna tiegħi. Il-mistednin stagħġbu ħafna meta għidtilhom li dawn l-affarijiet għadna naħdmuhom u kienu diversi dawk li staqsewni għal xi pubblikazzjonijiet tagħna. Dak iż-żmien ma kellna l-ebda pubblikazzjoni. Kien hemm wieħed mill-mistednin meta għidtlu li x'aktarx nippubblikaw ktieb fuq il-bizzilla tagħna qabad u tani *cheque* biex jordna l-ewwel kopja. Ħassejtni kważi marbuta, u meta erġajt lura bdejt naħdem fuq dan il-ktieb. Ispirajt ruħi mill-ktieb ta' Chantilly, belt Franċiża, li kienu wkoll ppubblikaw ktieb dwar il-bizzilla tagħhom.

### *U fil-fatt kellkom diversi pubblikazzjonijiet.*

Għandna żewġ kotba bl-Ingliż, *Gozo Lace Introduction*, u *Gozo Lace Patterns from Diacono*, u issa dan l-aħħar l-Istorja tal-Bizzilla tal-Gżejjer Maltin. Għandna wkoll *magazine* li joħroġ erba' darbiet fis-sena, ippubblikat mill-*Malta Lace Guild,* "Is-Seħer tal-Bizzilla".

### *X'għamillek kuraġġ biex tkompli bil-ħidma tiegħek?*

Meta rajt ix-xogħlijiet li kien hemm esebiti f'dik il-wirja ta' Frankfurt, indunajt kemm aħna f'Malta u Għawdex għandna biċċiet tassew sbieħ fil-bizzilla. Fil-Kungress ta' Frankfurt spiċċajt biex sirt membru tal-OIEFA u reġgħu stednuni għall-Kungress li kien imiss, dak ta' Utrech, l-Olanda. Dan il-kungress isir kull sentejn f'xi belt jew reġjun magħruf għall-bizzilla. F'Utrech tgħallimt kif tgħaqqad il-bizzilla mad-drapp bl-idejn mhux bil-magna (biż-żag). Wara l-Olanda morna Barcellona. Hemmhekk skoprejna kemm il-bizzilla tagħna għandha konnessjoni ma' din il-belt għax bejn pajjiżna u Spanja kien hemm ħafna kummerċ fl-antik. Ġejna wkoll influwenzati mid-disinji tagħhom. Permezz tan-negozjanti tagħna ġejna influwenzati wkoll minn disinji Fjammingi li kellhom ukoll kuntatti kummerċjali ma' Spanja. Il-bizzilla tagħna għalhekk tixxiebaħ ħafna ma' dik Spanjola, speċjalment ma' dik tar-reġjun tal-Katalonja. L-imħadda hija l-istess waħda li nużaw kemm aħna kif ukoll dawk Katalani. Il-bizzilla però hija tipikament Maltija u tingħaraf faċilment minn dik ta' pajjiżi oħra.

### *X'jagħmilha daqshekk differenti? X'inhuma l-karatteristiċi tal-bizzilla tagħna?*

Il-bizzilla tagħna tingħaraf mid-disinn laxk tagħha b'differenza minn xogħlijiet ta' pajjiżi oħra, speċjalment dawk Fjammingi li kienu iktar irfinati. Fil-bizzilla tagħna huma preżenti ħafna simboli u disinji għarab. Anke l-materjal li konna nużaw. Fl-għażil, il-materjal minn tajjar kienu jagħmluh ħajt. F'pajjiżna kienu jużaw ħajt magħżul mill-qoton. Id-disinn Malti żviluppa fuq stil *Giupure*. Dan l-istil jintgħaraf meta għandek ħafna milì iktar milli xibka. Anke fil-festuni li ntużaw f'pajjiżna naraw influwenza mediterranja, u allura nsibu ħafna drabi r-







rota, in-nofs qamar, ix-xemx, il-fjura, l-istilla, u l-palma. Fi żmien l-Ingliżi daħal is-salib ta' Malta, is-salib tal-kavallieri. Iċ-ċombini kienu jiġu magħmulin mis-siġar tal-frott u diversi drabi kienu jsiru bil-mus wieħed wieħed. Kien hemm min kien jaħdimhom fuq it-torn. Dwar l-imħadda tinħadem minn qatta tiben tal-qasbija marsus ħafna ġo xkora li imbagħad tinkesa bid-drapp, u fl-aħħar b'karta ħoxna. Tiġi nkollata bil-lamtu imsajjar bi dqiq.

## *X'rabta tara li hemm fix-xogħol tal-bizzilla mal-Knisja?*

Il-Knisja dejjem mexxiet 'il quddiem it-tagħlim tal-bizzilla billi dan kien mezz t'għijxien għal ħafna nisa u xebbiet minflok ma kienu joqogħdu jiġġerrew mat-toroq jew fil-għażż. Barra minn hekk, il-bizzilla hija sengħa nadifa. Minħabba dan ix-xogħol, kienet issir insistenza fuq l-iġene personali, u għalhekk kienet tingħata importanza lill-indafa tax-xagħar u saħansitra tal-ħalq. Diacono kien jinsisti li n-nifs għandu jkun nadif biex il-bizzilla ma tittappanx. Fl-imgħoddi kien hemm diversi qassisin li kellhom familjari negozjanti li kienu jmexxu x-xogħol tal-bizzilla u ħafna minn dawn il-qassisin kellhom doni artistiċi ta' pittura u disinn. Ħafna xogħol kien isir għall-Knisja u kien isir b'xejn. Kien isir ħafna xogħol tal-bizzilla minn familjari tal-qassisin speċjalment fil-bidu tal-ministeru tagħhom. Hemm diversi albi u lbies sagru għand diversi saċerdoti u f'diversi knejjes.

## *Hemm xi persuni li baqgħu msemmijin għall-promozzjoni ta' din is-sengħa?*

Għall-aħħar tas-seklu 18 meta inqata' s-suq tal-qoton, fl-Ewropa kollha waqaf ix-xogħol tal-bizzilla. Ix-xogħol kien isir biss għall-knejjes. Mn'alla ġara hekk għax din is-sengħa baqgħet ħajja fit-teknika tagħha. Fl-1838 Lady Sarah Austin, membru ta' Kummissjoni Ingliża, ħadmet ħafna favur dawk li jaħdmu il-bizzilla u ma jsibux fejn ibiegħu. Flimkien ma' persuni oħrajn bdew iġibu disinni sbieħ u tal-moda flimkien ma' ħjut oħrajn. Il-bizzilla reġgħet qabdet is-suq. Fl-1851, meta saret il-*Great Exhibition of London,* il-bizzilla ta' Malta ġibdet ħafna attrazzjoni. Fl-1861 kien hemm xall kbir iswed tal-bizzilla u dan kien ippreżentat minn ċertu *P.P. Borg of Valletta*. Diacono jgħid li dan kien Għawdxi li kellu ħanut il-Belt. Dan ix-xall kien ħa il-*gold medal*. Fl-istess wirja ġew imfaħħra ħafna il-bizzilli bojod li kienu nħadmu mit-tajjar fil-"*Conservatorio Vescovile di Gozo*". Dawn kienu aktarx fuq disinni tal-Kanonku Salv Bondin li ħadem ħafna biex ix-xogħol tal-bizzilla ma jibqax biss ristrett għar-Rabat imma jinfirex ukoll fl-irħula t'Għawdex. Persuna oħra kienet Marjanna Attard illi żviluppat ħafna id-disinni tal-moski u mexxiet dan it-tagħlim lill-oħrajn, speċjalment lil oħtha Ġinisja Attard. Persuna li ġiet f'kuntatt ma' Ġinisja, kien imbagħad Dun Ġużepp Diacono. Hu l-fundatur tas-Sorijiet tal-Istilla, is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù ta' Triq Palma. Mexxa ħafna dan ix-xogħol tal-bizzilla l-ewwel fost is-sorijiet imbagħad permezz tat-twaqqif tal-*Casa Pia*, l-ewwel fix-Xagħra, u imbagħad permezz tal-*Casa Industriale* fir-Rabat. Ħalla diversi disinni u libretti ta' istruzzjonijiet fuq kif għandu jkun ix-xogħol tal-bizzilla, u iktar minn hekk kultura tal-bizzilla. Kienu ħafna dawk li qalgħu għixien tajjeb mill-bizzilla. Wara Diacono, promotur ieħor tal-bizzilla kien Lord Strickland. Waħda minn uliedu, Cecilia de Trafford, waqqfet assoċjazzjoni għall-promozzjoni tal-bizzilla. Xi disinni li stampat hi fl-istamperija tagħhom għadhom isibuhom bħala dawk ta' Strickland.



## *X'futur tara għal dan ix-xogħol tal-bizzilla?*

Hawn qawmien u interess kbir għaliha. Naturalment m'għadhiex meqjusa bħala mezz t'għixien. Imma iktar hija meqjusa bħala biċċa xogħol tal-arti. Illum għandna min hu kapaċi daqs kemm



kellna fl-imgħoddi. Qed noħolqu disinni ġodda. Illum qed nużaw it-teknika l-antika biex noħorġu bizzilla kontemporanja. Dan jimplika xogħol iqsar, u iktar kreattività. Il-bizzilla qed issib postha f'xogħol ta' *souvenirs*, dekorazzjoni interna għaddar, kif ukoll ħwejjeġ għal xi okkażjoni partikulari bħal tiġijiet.

Minn xi snin 'l hawn, fiċ-Ċentru tal-Università t'Għawdex għandna kors ta' studju fuq il-bizzilla. Jiġi studjat mhux biss l-aspett prattiku imma wkoll it-tejorija, l-istorja, u d-disinn, kif ukoll ir-relazzjoni tal-bizzilla ta' Malta ma' dik Ewropea. Dan il-kors jista' jasal sa diploma bit-tama li 'l quddiem jitla' għal *degree*. Dak in-nhar inkunu għamilna akkwist kbir. Ta' min jgħid li f'dan il-kors, li huwa offrut f'Għawdex biss, l-istudenti huma Maltin.

### *X'jagħmel speċjali il-bizzilla Għawdxija?*

Għalkemm nitkellmu minn bizzilla Maltija, l-oriġini tal-bizzilla nistgħu ngħidu li kien f'Għawdex. Din is-sengħa kienet marbuta iktar mal-istil tal-ħajja tradizzjonali tagħna. Is-sengħa ġiet mgħoddija fil-familji tagħna. F'Malta kienu mixħutin iktar fuq xogħol ta' rakkmu. Dan joħroġ ukoll mir-riżultati taċ-ċensimenti li saru fil-gżejjer tagħna. Dejjem kien kemm iktar Għawdxin involuti f'dan ix-xogħol. Allura din l-arti żviluppat iktar f'Għawdex.

### *X'qed isir biex tiġi iktar promossa l-bizzilla?*

Għandna Jum il-Bizzilla darba f'Għawdex għall-ħabta tar-Rebbiegħa u darb'oħra f'Malta għall-ħabta ta' Novembru. Nagħmlu korsijiet u noqgħodu naħdmu il-bizzilla. Nistiednu ukoll diversi *lecturers* minn pajjiżi oħrajn biex jagħtuna *short course* dwar teknika tal-bizzilla. Għandna futur promettenti!

**STEDINA LILL-ĦADDIEMA TAL-LUKANDI**

*Għal jumejn fil- KWIET, MISTRIEĦ, u TALB*
*Mill-Ġimgħa 27 ta' Frar fis-7.00p.m. sal-Ħadd 29 ta' Frar wara l-pranzu.*
*POST: Manresa Retreat House - Victoria - Għawdex*
*Imexxi Patri Pawl Deguara S.J.*
*Naħsbu u niddiskutu:*
*Tħoss li x-xogħol qiegħed jgħinek tikber f'Nisrani tajjeb?*
*Kif ix-xogħol jissemma fil-Bibbja?*
*Fejn bix-xogħol tiegħek tħoss li tagħti xhieda tar-Reliġjon Nisranija?*
*Il-Maltin u l-Barranin li magħhom taħdem jgħinuk tkabbar fik il-valur tat-tagħlim nisrani?*
*Ejja u ma jiddispjaċikx!!!*
*Jekk tixtieq iktar tagħrif ċempel: 21556635*

TAL-ĦWAWAR

**Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari...**

*Issib Ħwawar,*
*Ħxejjex Aromatiċi,*
*Frott Imqaddet għall-Ħelu*
*u Prodotti oħra għall-ikel*

14-15 Kerċem Road, Victoria
Tel: 2156 2160

# Il-Formazzjoni Nisranija taż-Żgħażagħ

## Rapport imħejji mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (It-Tieni Parti)

### 5. *Il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ*



Ir-rwol tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ hu li tistudja s-sitwazzjoni taż-żgħażagħ f'pajjiżna, tgħin biex tiġi fformulata l-pastorali maż-żgħażagħ fid-djoċesi tagħna, u tistimola u takkumpanja l-pastorali maż-żgħażagħ li titwettaq fid-djoċesi mill-parroċċi, ċentri taż-żgħażagħ u Għaqdiet. Dan tagħmlu billi **tikkoordina l-ħidma pastorali, toffri riżorsi għall-katekeżi maż-żgħażagħ, u tgħin fil-formazzjoni kontinwa, kemm pastorali kif ukoll spiritwali**, tal-*youth leaders*. Fl-istess waqt il-Kummissjoni tieħu inizjattivi pastorali u torganizza attivitajiet fuq livell djoċesan, biex jikber is-sens ta' komunjoni bejn id-diversi realtajiet u strutturi pastorali. Anke fuq livell djoċesan aħna konxji mid-diffikultajiet li jeżistu fil-qasam tal-pastorali maż-żgħażagħ. Biżżejjed ninnotaw kif **il-preżenza taż-żgħażagħ għaċ-ċelebrazzjonijiet djoċesani kważi ġiet fix-xejn**. Għas-sena pastorali li qegħdin fiha, il-Kummissjoni qed taħdem fuq żewġ direzzjonijiet prijoritarji: il-pastorali ma' l-adolexxenti u l-pastorali ma' l-universitarji Għawdxin f'Malta.

Dwar il-pastorali ma' l-adolexxenti, nistgħu ngħidu li fil-parroċċi u permezz ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti qed issir ħidma tajba ħafna. Dan hu sforz kbir, u jeħtieġ napprezzawh, insostnuh u ninkuraġġuh. Formazzjoni katekctika tajba lill-adolexxenti tfisser li qed inpoġġu l-futur tal-pastorali maż-żgħażagħ fuq sisien aktar sodi. Għajnuna kbira f'dan il-qasam qed isibuha mis-seminaristi, li fil-programm formattiv tagħhom għandhom ukoll il-pastorali ma' l-adolexxenti f'diversi parroċċi. **Fl-aħħar attivitajiet djoċesani li pprogrammajna għall-adolexxenti kellna parteċipazzjoni tajba ħafna**. Innutajna bi pjaċir kbir li, barra l-kontribut u l-preżenza tas-seminaristi, qed ikollna wkoll il-parteċipazzjoni ta' diversi gruppi ta' adolexxenti li jiffrekwentaw l-Għaqdiet reliġjużi, akkumpanjati mill-katekisti tagħhom. Dan hu wieħed mill-mumenti fejn l-għaqda fil-Knisja tissebbaħ bid-don tad-diversità tal-kariżmi. **Inħossu li għandna kamp pastorali kbir fejn jidħlu l-adolexxenti**. Anke bħala Kummissjoni qed naħdmu biex intejbu s-servizzi tagħna. Is-sotto-kumitat għall-pastorali ma' l-adolexxenti, li hu grupp ta' studenti taħt it-tmintax-il sena fi ħdan il-Kummissjoni, qed jaħdem tajjeb ħafna għal dan il-għan.

Anke fejn jidħlu l-universitarji Għawdxin ħassejna li kellna nagħtu aktar. **Għandna madwar 800 student li jiffrekwenta l-Università f'Malta**. F'kollaborazzjoni mal-Grupp Universitarji Għawdxin (GUG) u ma' *Chaplaincy* ta' l-Università, diġa ltqajna darbtejn ma' grupp ta' universitarji Għawdxin. Il-laqgħat saru fil-kappella ta' l-Università, u dawk li pparteċipaw urew interess u apprezzament għall-fatt li l-Knisja Għawdxija ppruvat tkun aktar qrib tagħhom. Għal din is-sena, **għandna programmati żewġ laqgħat oħra: l-eżerċizzi tar-Randan mid-9 sal-11 ta' Marzu, u laqgħa ta' talb fl-20 ta' April**. Nittamaw ukoll li aktar 'il quddiem id-Djoċesi taħtar saċerdot li jkun delegat bil-kura pastorali ta' l-universitarji Għawdxin f'Malta.

Qasam ieħor fejn inħossu li nistgħu naħdmu iżjed hu fejn jidħlu postijiet u għaqdiet kulturali, soċjali u sportivi. F'diversi kumitati tal-baned u tal-futbol għandna l-preżenza ta' saċerdot, li jaqdi r-rwol ta' direttur spiritwali. Hemm saċerdoti minnhom li qed jippruvaw iwettqu ħidma pastorali maż-żgħażagħ u persuni oħra li jiffrekwentaw dawn il-postijiet u għaqdiet. F'dan il-kamp jista' jkollhom rwol akbar il-lajċi nsara adulti li jiffrekwentaw jew huma responsabbli minn dawn il-postijiet u għaqdiet. **Jeħtieġ li bħala Knisja nistudjaw aktar fil-fond kif nistgħu nwettqu ħidma pastorali aktar organizzata li tħalli aktar frott**.

Għal din is-sena pastorali, il-Kummissjoni ħejjiet sussidju kateketiku għal-laqgħat ma' l-adolexxenti. Mill-*feedback* li rċevejna minn dawk li akkwistawh, jidher li hu materjal utli u meħtieġ. Offrejna wkoll itinerarju ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ, imħejji mill-grupp taż-żgħażagħ "Ġublew 2000".

Fil-bidu tas-sajf tas-sena li għaddiet, il-Kummissjoni lestiet u ppubblikat ir-rapport ta' studju soċjoloġiku fost iż-żgħażagħ Għawdxin (16-18-il sena) li kien sar mill-KDŻ fis-sena 2000. Minkejja l-isforz kbir li ħadet il-Kummissjoni biex jitlesta r-rapport, u l-informazzjoni interessanti li fih, jidher li dan l-istudju kważi ma

qanqal l-interess ta' ħadd fil-Knisja Għawdxija. Li ma kienx għall-interess personali li wera Mons. Isqof Nikol Cauchi u l-programmi li konna mistiedna għalihom fuq ir-radjijiet taż-żewġ parroċċi tar-Rabat, aktarx li r-rapport kien imut qabel jitwieled. Jiddispjaċik ftit meta tara li aktar ntwera interess minn ġurnalista tat-*Times* u minn diversi persuni Maltin, milli minn operaturi pastorali Għawdxin.

## 6. *Attivitajiet Djoċesani*

### a. Volontarjat fis-Sajf (Awissu 2003)

Għal darb'oħra organizzajna esperjenza ta' volontarjat għaż-żgħażagħ. Bħas-sentejn ta' qabel, l-esperjenza kienet tikkonsisti f'ħidma mat-tfal għand il-Missjunarji tal-Karità, is-sorijiet tal-Beata Tereża ta' Kalkutta, fil-belt ta' Napli. Din is-sena tliet tfajliet biss ipparteċipaw f'din l-esperjenza.



### b. Seminar Annwali tal-KDŻ (21 ta' Settembru 2003)

Dan is-seminar hu indirizzat lil dawk kollha li huma nvoluti f'ħidma pastorali ma' l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, kemm fil-parroċċi kif ukoll fiċ-ċentri taż-żgħażagħ u l-Għaqdiet. Fil-ħsieb tal-Kummissjoni, dan is-seminar, barra li jipprova jistudja xi aspetti partikulari tal-pastorali maż-żgħażagħ, hu intenzjonat li jservi bħala mument ta' formazzjoni tal-*youth leaders* u bħala mument ta' *sharing* fil-bidu ta' sena pastorali ġdida. Il-parteċipazzjoni kienet fqira. Tliet parroċċi biss kienu rappreżentati. Kienu preżenti wkoll membri tal-MUSEUM u tal-Leġjun ta' Marija, flimkien mas-sorijiet Salesjani.




Fis-seminar tkellimna dwar "Il-figura tal-*Youth Minister* fil-Komunità Nisranija". Kellna wkoll *workshops*, fejn komplejna nistudjaw u niddiskutu dwar il-formazzjoni personali tal-*youth minister* u r-rwol tiegħu fil-komunità. **Fost il-kummenti li saru, ta' min isemmi l-insistenza li saret għal formazzjoni kontinwata tal-*youth minister*, u l-ħtieġa li hu jkun sostnut mill-komunità parrokkjali**. Suġġeriment li sar hu li d-djoċesi taħdem biex ikun hawn l-istituzzjoni tal-ministeru tal-formazzjoni taż-żgħażagħ (il-*youth ministry*), bil-ħolma li d-djoċesi toffri wkoll kors ta' formazzjoni għall-*youth ministers*.



### ċ. Seminar Djoċesan dwar il-Volontarjat (17-19 ta' Ottubru 2003)

Bil-kollaborazzjoni ta' grupp ta' żgħażagħ, il-KDŻ kellha sehem importanti fl-organizzazzjoni ta' seminar dwar il-volontarjat, bit-tema "*Diakonia: a Church that cares*". Anke f'dan il-każ, il-preżenza tal-parroċċi kienet fjakka għall-aħħar: parroċċa waħda biss bagħtet rappreżentanti tagħha. Dawk li pparteċipaw kienu jirrappreżentaw diversi organizzazzjonijiet non-governattivi Għawdxin, uħud minnhom tal-Knisja. Minkejja din il-preżenza fqira, min ipparteċipa ħa sehem attiv fl-istudju u fid-diskussjonijiet. Saru diversi kummenti u ħarġu diversi proposti validi. Ta' min isemmi l-insistenza li saret li **jekk il-Knisja f'Għawdex trid tkun verament "*a Church that cares*", hi trid tkun aktar qrib ta' min qed ibati**. Persuna kkummentat: "Is-saċerdoti ma jridux imorru jħabbtu l-bibien tad-djar biex jiġbru l-flus għall-festa biss, imma fuq kollox biex ikunu konxji u jkunu qrib ta' min qed ibati." Kumment ieħor li sar kien dwar **l-iżbilanċ kbir li jeżisti fl-infiq tal-flus mill-parroċċi: jintefqu eluf kbar fil-jiem tal-festi parrokkjali u f'opri artistiċi mhux dejjem meħtieġa, u mbagħad ma nsibux fondi biżżejjed għall-opri tal-karità**. Kopja tal-kummenti u tas-suġġerimenti li saru ntbagħet lill-kappillani u lill-arċipreti kollha, bit-tama li tqanqal xi forma ta' riflessjoni fost il-membri tal-kunsilli parrokkjali.

### d. Laqgħat għall-Adolexxenti

Matul din is-sena pastorali organizzajna żewġ laqgħat djoċesani għall-adolexxenti. Fit-30 ta' Ottubru 2003 saret laqgħa marjana bit-tema "Sliem għalik, Sultana!" fil-knisja parrokkjali tax-Xagħra. Il-laqgħa kienet marbuta mas-Sena tar-Rużarju. Il-parteċipazzjoni kienet tajba, imma kellna ħafna diffikultajiet biex inżommu l-ġabra. Ħafna studenti aktar kienu interessati jilagħbu bil-*mobiles* milli f'dak li kien qed isir. Minħabba f'hekk, kellna diversi suġġerimenti biex fil-laqgħat għall-adolexxenti nippruvaw naħdmu ma' gruppi iżgħar.



Din il-ħaġa ppruvajniha fil-laqgħa li organizzajna fl-okkażjoni ta' Kristu Re, nhar l-20 ta' Novembru 2003, fiċ-Ċentru ta' Kana. L-iskop tal-laqgħa kien li ngħinu lil dawn l-istudenti jkunu aktar konxji tad-diffikultajiet u tal-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità. Għal dan il-għan tlabna l-koperazzjoni ta' l-għalliema li jaħdmu fl-*ispecial unit* ta' l-iskola primarja ta' Sannat. Fl-ewwel parti tal-laqgħa qsamna l-istudenti f'erba' gruppi, fejn kellhom katekeżi permezz ta' eżerċizzji ta' *life skills*. Wara, l-istudenti semgħu esperjenza ta' min jgħix kontinwament ma' persuni b'diżabilità, u mument ta' talb. Fi tmiem il-laqgħa, l-istudenti kellhom ħin għal ftit divertiment flimkien. Jidher li dan il-format tal-laqgħa rnexxa aktar.

**e. Iċ-Ċelebrazzjoni ta' Kristu Re (23 ta' Novembru 2003)**

It-tema li ntagħżlet – "Jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej" – kienet marbuta mas-Sena Djoċesana tad-Djakonija u mas-Sena Ewropea tal-Persuni b'Diżabilità. Is-sehem ta' l-istudenti ta' l-iskola primarja ta' Sannat li akkumpanjaw tfal b'diżabilità waqt mument ta' logħob u żfin kellha effett straordinarju fuq dawk preżenti. Ix-xewqa tagħna kienet li nwasslu l-messaġġ li anke l-persuni b'diżabilità, jekk mgħejjuna u mgħallma, għandhom kontribut x'jagħtu lill-Knisja u lis-soċjetà. B'differenza mis-sena li għaddiet, il-laqgħa mxiet tajjeb, u ħafna kkummentaw b'mod pożittiv. Kien evidenti wkoll li l-preżenza ta' l-Għawdxin għall-funzjoni fil-Kumpless Sportiv kompliet tonqos sewwa.



Għaż-żgħażagħ ħejjejna quddiesa fil-parroċċa ta' Sannat, nhar it-22 ta' Novembru. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ kienet hekk fqira li ġagħlitna naħsbu sewwa fuq l-utilità ta' attivitajiet bħal dawn għaż-żgħażagħ. F'dawn l-aħħar snin, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'attivitajiet djoċesani qed tmur mill-ħażin għall-agħar. Jeħtieġ li kull min hu responsabbli mill-pastorali maż-żgħażagħ ipoġġi madwar mejda u jistudja ftit is-sitwazzjoni.

**f. Irtir ta' l-Avvent (7 ta' Diċembru 2003)**

Bi tħejjija għall-festa tal-Milied, ta' kull sena norganizzaw nofs ta' nhar iritr għaż-żgħażagħ. Il-Parteċipazzjoni qatt ma tkun numeruża ħafna. L-iskop tal-irtir mhux in-numru, imma li noffru l-possibiltà lil dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ biex jieqfu ftit jirriflettu fuq il-misteru ta' Kristu fit-twelid tiegħu, u x'jista' jfisser fil-ħajja tagħhom. It-tema ta' dan l-irtir kienet marbuta mat-tema tal-messaġġ għal Jum Iż-Żgħażagħ 2004: "Nixtiequ naraw lil Ġesù".

## 7. *Konklużjoni*

**Għalkemm il-ħidma pastorali maż-żgħażagħ mhux dejjem tagħti sodisfazzjon lil min iwettaqha, però fl-istess waqt aħna konxji li kull farka ġid li ssir fil-ħajja taż-żgħażagħ hi importanti. Quddiem id-diffikultajiet fil-ħidma pastorali, il-Knisja għandha tħossha msejħa mill-Mulej biex iġġedded l-impenn pastorali tagħha billi tinvesti aktar intelliġenza, enerġija, riżorsi umani u materjali ħalli tipproponi l-messaġġ tal-Vanġelu b'mod dejjem ħaj li jinkarna b'mod effikaċi fil-ħajja tal-bniedem tal-lum.**

**F'dak li għandu x'jaqsam mal-pastorali maż-żgħażagħ, l-appuntament li jmiss hu l-irtir tar-Randan, li hu programmat li jsir bejn it-12 u l-14 ta' Marzu 2004, f'Dar Manresa.**

D-Bar Cafè
Pan Pizza, Pasta
& Home-made
Cooking
St. Joseph Square, Qala, Gozo.
Tel: 2155 6242 • Mob: 7942 7014

Laurienne's
Hair Salon
For all Occasional Styles & Make-up



St. Anthony Street, (corner with) Zewwieqa Street,
Għajnsielem, Mgarr, Gozo. Mgarr, Gozo.
Tel: 2155 0711, 2155 2550, Mob: 7904 5896

VERSI RIFLESSIVI

# Tlugħ ix-Xemx f'Ras il-Qala

*Fid-difa ta' filgħodu,*
*minn taħt il-lizar tan-nir,*
*fi lvant nofs wiċċ inkixef*
*ta' xemx tidħaq se ttir.*

*Li fis tawlet is-swaba',*
*ir-raġġi bajdanin,*
*medditħom, ferqet baħar,*
*firxitħom fl-art, sħajnin.*

*Hekk kif hawn f'Ras il-Qala*
*mal-blat huma ggranfaw,*
*il-Forti tefgħu f' dija,*
*bħal min fuq palk naraw.*

*Minn qalb il-ġebel nieżel,*
*jiġġarraf, mimli ħxejjex,*
*f'daqqa fantażmi qamu,*
*bil-kwiet u mingħajr ħsejjes.*

*Kienu Għawdxin li ħadmu*
*biex lill-Fortizza bnew,*
*magħhom xi kavallieri*
*li x-xogħ'l b'galbu mexxew.*

*Qagħdu dawra, nofs ċirku,*
*b'għajnejhom imdemgħin,*
*fuq wiċċhom dieqa w ħasra*
*ta' kemm għarqu għalxejn.*

*Mondion, l-inġinier, f'nofshom,*
*jitmasħan: x'għajb hekk kbir,*
*għal min iħalli ħerba*
*minn fdal storiku ssir.*

*U qablu għalenija,*
*li ittra jiffirmaw,*
*jibgħatu petizzjoni*
*sabiex mill-ġdid jaraw*

*Lil San Anton, fortizza,*
*mħarsha u kkuratha,*
*minn niesna, mill-barrani,*
*kif jixraq tiġi stmata.*

*Sakemm daret il-karta,*
*għall-firem, dawra mejt,*
*ix-xemx bdiet taħraq sewwa;*
*qajmitni: kont stordejt!*

*U sibt 'l għalkemm kien sebaħ,*
*u dieħel ġmielu n-nhar,*
*kont ħlomt, u x'ħolma fiergħa!*
*Xejn, qatt, minn dan ma sar!*

*Bosta l-fdalijiet huma*
*li minna ġew minsija.*
*Il-qerda taghhom tnessi*
*Kemm swew għaraq, tbatija.*

*Francis Sultana*



# Qed Jidlam

*Madwari dlam, nizlet ix-xemx u għebet*
*wara l-għoljiet imtaqqla b'silġ il-ħajja,*
*ħemda ma' kullimkien, u f'moħħi jberrnu*
*ħolmiet il-baħħ li swew ta' ħajti l-ġrajja.*

*Jiem sbejħa u ta'ferħ ta' tfajjel ċkejken,*
*għodwiet ta' mħabba fl-aqwa taż-żgħożija,*
*mitluf fil-ħolma ħelwa ta' l-imħabba*
*li ħlomt għalxejn, bla ħsieb, mas-samranija.*

*Għaddew il-jiem niġġerra f'xemx sabiħa*
*mimlija dawl, ifuru lkoll bid-dija;*
*bil-fjuri ninseġ kont l-ifjen kuruna*
*għal dak iż-żmien ta' meta sfajt bla ħtija.*

*'Mma d-dawl ħanin li damm lil ħajti rżina*
*jintefa beda qajl u dalma sfali;*
*waqt li madwari nġemgħet sħaba sewda*
*li f'daqqa ħbietli 'l dawk li ħolmu bħali.*

*Kemm kont għal qalbi nilmaħ l-għodwa tisbaħ*
*u x-xmejxa sħajna tielgħa trodd 'il-ħlejjaq*
*id-dawl ħanin li jtaffi n-niket kollu*
*li jnissel swied il-qalb magħġun bid-dwejjaq.*

*Issa ndur lejk, Mulej, u tamti sħiħa,*
*titħasseb xejn, għax qegħda kollha fik;*
*mexxini f'dan id-dlam li jifni l-ruħi,*
*ħallini biss, kull ħin, nithenna bik!*

*Rev. Joe Meilak*

# Id-Dagħwa ta' Chambray

*Darba kont waħdek prinċep fuq il-għolja,*
*tisseqqer kollok setgħa f'sebħ bla qjies;*
*illum ħafnek f'idejh min siker fl-għana,*
*min xejn ma jimpurtah li kont għassies.*

*Nixtieq li kieku nista' mmur fl-imgħoddi*
*biex nilmaħ ġmielek safi mill-indħil;*
*biex nimraħ ġo ħitanek kollhom qawwa,*
*li xehdu min jaf kemm għal ġlied qalil.*

*'Mma llum ilbitt u dħalt ġewwa qoxortok,*
*għax ġensek tak f'idejn ulied l-għarib;*
*mank sura ma ħallielek sabiex tgħanni*
*il-għanja li għannejt qalb tant tiġrib.*

*Kull darba li niġġerra fl-idwar tiegħek*
*nismagħha ħierġa d-dagħwa; il-qalb tibbies*
*nixxennaq li xi darba nerġa' nilmħek*
*kif dari kont, sultan sabiħ w għassies.*

*Geoffrey G. Attard*

L-10 TA' FRAR: IL-"BIRTHDAY" TA' MALTA NISRANIJA

# NGĦOŻŻU L-FIDI LI ĠABILNA SAN PAWL:



## ♦ IL-BIBBJA X'TGĦID?

"Mingħajr il-**FIDI**, ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla". *Lhud; II, 6*

"Il-bniedem ġust, jgħix bil-**FIDI**". *Lhud 10. 38*

"Din hi r-rebħa fuq id-dinja; il-**FIDI TAGĦNA**. Għax min hu dak li jegħleb lid-dinja , jekk mhux min jemmen li Ġesù hu l-Iben ta' Alla". *Ġwanni 5: 5*

Qallu Ġesù (lil Tumas); "Emmint għax rajtni. Henjin dawk li ma rawx u emmnu". *Ġwanni. 20. 29*

## ♦ TLITT KWALITAJIET TA' DAWL

Dawl tal-**GĦAJNEJN...** biex **tara** madwarek il-ħolqien!
Dawl tar-**RAĠUNI...** biex **tifhem** b'moħħok dak li tista!
Dawl tal-**FIDI...** biex **temmen** dak li Alla biss jaf kif u għaliex!

Wara l-gwerra li għaddiet, il-Kardinal Von Faulhaber kien qed iżur sptar fejn kienu qed jiġu kkurati suldati li sfaw għomja fil-gwerra. U sema' wieħed mis-suldati għomja jgħid din it-talba;- "Mulej nitolbok, teħodlix id-**dawl t'għajnejja**; ħallili almenu id-**dawl tar-raġuni**. U jekk hi r-rieda tiegħek li teħodli wkoll id-dawl tar-raġuni, ħallili almenu id-**dawl tal-Fidi,** biex naċċetta dejjem u f'kollox ir-rieda Tiegħek".
*Mill-ktieb "The Eucharist" ta' I.G.Lovasik.*



## L-EFFETTI POŻITTIVI TAL-FIDI FIL-MIXJA TAL-ĦAJJA

Mijiet ta' riċerki xjentifiċi minn universitajiet diversi sabu li meta wieħed ikun jemmen, il-fidi ghandha ħafna effetti pożittivi fuqu. Uħud minnhom bilkemm jitwemmnu!

1. **Min jemmen igħix aktar**: Studju fuq skala nazzjonali fuq 21,000 persuna fl-Amerika matul il-perjodu 1987-1995 sab li dawk li jattendu l-knisja għal xi servizz reliġjuż kull ġimgħa, jgħixu madwar seba' snin aktar minn dawk li ma jipprattikaw l-ebda reliġjon.

2. **Min għandu l-fidi hu aktar b'saħħtu**: Fi studju li sar mid-*Duke University Medical Centre*", it-tobba Harold Koening u David Larson sabu li dawk li jattendu fil-ġimgħa għas-servizzi reliġjużi, jirfsu anqas l-għatba ta' l-isptar u jekk jidħlu l-isptar idumu anqas. It-tabib Jeff Leven, awtur tal-ktieb *"God, faith and health"*, f'riċerka li għamel sab li dawk l-adulti li jipprattikaw ir-reliġjon kellhom anqas problemi ta' saħħa, minn dawk li m'għandhom l-ebda reliġjon.

3. **Min għandu l-fidi jfiq aktar malajr**: Studju magħmul minn *Darmouth Medical School* fil-1995 sab li dawk li kellhom il-faraġ tal-fidi, wara operazzjoni tal-qalb, kellhom tlett darbiet aktar ċans li jgħixu, minn dawk li ma kienu jemmnu b'xejn.

**Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.**

# L-AKBAR U L-ISBAĦ WIRT TA' PAJJIŻNA

## ♦ IL-KELMA TA' L-ISQOF – MEĦTIEĠA FIDI AWTENTIKA

"Dak li jinħtieġ fl-insara tal-lum, hija qabel xejn **FIDI** awtentika, hekk li l-ħajja ssir inkontru, laqgħa, jew relazzjoni personali mal-Ħallieq." *L-E.T. Mons Isqof Nikol. Ġ. Cauchi - Ittra Pastorali "Il-Maturità Nisranija", 4 ta' Frar 1970.*

## ♦ X'QALU NIES KBAR DWAR IL-FIDI

**-Il-Kardinal Spellman, li kien Arċisqof ta' New York, jgħidilna li l-Fidi tagħmel l-impossibli:**

*Faith is the eye, that sees the invisible*
*Faith is the ear that hears the inaudible.*
*Faith is the hand that feels the intangible.*
*Faith is the power that works the impossible.*

Fi kliem ieħor:
Bil-fidi, naraw dak li ma jidhirx, nisimgħu dak li ma jagħmilx ħoss, inħossu dak li ma mmissux b'idejna. U hija qawwa li tagħmel possibbli dak li hu impossibbli.

**-Tolstoi, kittieb russu ta' spiritwalità kbira, jgħidilna li** ***"Il-bniedem jista' ma jagħtix każ tar-reliġjon, bħalma jista' ma jagħtix każ li għandu qalbu. Imma, mingħajr reliġjon, bħalma mingħajr qalb, il-bniedem ma jistax jgħix."***

## ♦ KTIEB MILL-ISBAĦ TA' MIN JOMGĦODU SEW!

Il-ktieb li għadu kemm ippubblika il-LUMEN CHRISTI: **"X'Nemmen? Il-Fidi Mistħarrġa"** tat-Teologu Pollakk Tadeusz Dajczer li ġa' ġie maqlub fi 15 il-lingwa, jagħtina tagħrif siewi dwar il-Fidi. Nagħżlu xi siltiet minnu:

**X'inhi l-Fidi?**

- **Il-Fidi hi virtù li tħallina nżommu kuntatt m'Alla**. U għalhekk hi fundamentali għall-ħajja sopranaturali. (p. 21)
- **Il-Fidi hi virtù bażika,** għax tagħtina l-possibiltà li nieħdu sehem fil-ħajja t'Alla. (p.21)
- **Il-Fidi tagħtina l-ħila li naħsbu kif jaħseb Alla**, mhux biss dwarna nfusna, imma wkoll dwar kollu li aħna niġu f'kuntatt miegħu. (p. 22)
- **Hu permezz tal-Fidi, li aħna nidħlu aktar fil-fond fil-ħajja t'Alla, fil-ħajja ta' Ġesù Kristu.**
- **Hu permezz tal-Fidi, wkoll, li Alla jibda ħajtu fina!**
- **L-iskop tal-Fidi** tagħna hu li aħna nibdew naħsbu kif jaħsibha Ġesù Kristu;- biex inħallu Lilu, Hu li qiegħed jgħix ġo fina permezz tal-Fidi,
  - **biex jużana**
  - **jaħseb permezz tagħna**
  - **u jgħix ġo fina.** (p. 22)



BOOKMARK

# ĠDID! KTIEB INTERNAZZJONALI ISSA BIL-MALTI WKOLL... "X'NEMMEN?" (Il-Fidi Mistħarrġa) TA' TADEUSZ DAJCZER




**Taħseb li tassew "temmen"? Jew li temmen ħafna bħala nisrani u kattoliku ferventi?** Aqbad f'idejk dan il-ktieb... Ħu ftit paċenzja bit-tul tiegħu... Aqrah bil-mod u bis-serjetà, u għomod sewwa kull sentenza li fih... F'kelma waħda, ħallih idamdmek! Dan huwa ktieb speċjali li kapaċi jbiddel il-viżjoni tal-fidi li "taħseb" li għandek. Minnu titgħallem kif għandek "temmen" tassew, biex il-fidi tiegħek tkun vera, sħiħa u ġenwina.

Ktieb li jista' jibdel ħajtek... għall-aħjar tiegħek! Hekk kiteb Mons. Isqof Cauchi fid-daħla għall-Edizzjoni Maltija: "***Dan il-ktieb ta' Fr. Tadeusz Dajczer għandu l-mertu li jinseġ flimkien is-sempliċità tal-kliem mal-profondità tal-ħsieb. Din l-opra mhix xi trattat diffiċli li jintilef fl-irqaqat tat-teorija, iżda tiġbor fiha pariri konkreti u osservazzjonijiet li jdawwlu t-triq tal-Fidi, li tista' twassalna għall-qdusija awtentika, minkejja d-dgħufija tagħna u t-tfixkil tad-dinja***".

Dan il-ktieb iħares lejn il-fidi b'mod u stil mhux tas-soltu. Madanakollu huwa ktieb miżrugħ fuq art ta' teoloġija sħiħa tal-ħajja spiritwali. Il-frott ta' bosta snin ta' tagħlim u ta' 'l fuq minn tletin sena ta' direzzjoni spiritwali mogħtija lil numru kbir ta' nies, dan il-ktieb huwa kontinwazzjoni ta' dan il-proċess għaqli u dehni, li jakkumpanja lil eluf ta' nies li jixtiequ jgħixu profondament il-ħajja tagħhom ta' kuljum. B'sempliċità u kjarezza, l-awtur jirnexxielu jattira l-attenzjoni tal-qarrejja, waqt li jinvolvihom u jqajjem l-għatx tagħhom biex jesperjenzaw lil Alla ħalli jaqbdu triq speċifika ta' qdusija. **"X'Nemmen?"** huwa bħal sejħa kostanti għall-abbandun tagħna nfusna 'l Alla skond l-indikazzjoni ta' l-Evanġelju: "Jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal, ma tistgħux tidħlu fis-Saltna tas-Smewwiet". Għalhekk, is-sejħa frekwenti għar-radikaliżmu fil-Fidi Nisranija tamalga ma' l-idea ta' l-Evanġelizzazzjoni Ġdida li ġiet ipproklamata diversi drabi minn Ġwanni Pawlu II.

**"X'Nemmen? – Il-Fidi Mistħarrġa" tat-Teologu Pollakk Fr. Tadeusz Dajczer. Ktieb famuż li ġie ppubblikat fi 15-il lingwa qabilna u li qed jiġi tradott fi 12-il lingwa oħra. Edizzjoni Maltija ħarġet issa! Lm 3.50ċ il-kopja. LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS. Lumen Christi Media Centre, Victoria, Għawdex. Tel. 2156 0496**

**Dun Anton Sultana**

**John Portelli Enterprises Ltd.**
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO, MALTA
TEL.: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokk@johnportelli.travel.com.mt

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA
TEL.: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwann@johnportelli.travel.com.mt

Għawdex 300 sena ilu
Arkivju Nazzjonali Għawdex
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali -122
Riċerka ta'
Joseph Bezzina
©2004

# IL-PREZZ TAT-TĦIN

Id-dokument numru mija u tnejn u għoxrin li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu traskrizzjoni ta' Bandu li għandu x'jaqsam mal-prezz li setgħu jieħdu t-taħħana għal xogħolhom. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1703–1704), folju 15v (NAG, UG, Acta, 9/1703–1704, f. 15v).

Il-Bandu nħareġ mill-*Universitas* fil-bidu tas-sena finanzjarja. Din hi traskrizzjoni tiegħu:

***Item che li molinari non possono macinare il frumento più di grani dodeci il tumino; il mischiato, a grani dieci il tumino; e l'orgio a grani nove il tumino; e quelli che guasteranno la farina che non sarà ben macinata saranno in pena di pagare tarì quindici applicandi come sopra, e siano in pena di riffare il danno, et interesse alli Padroni o Padrone di dette vittovagli.***

Id-dqiq għall-għaġna seta' jsir jew miż-żrieragħ tal-*frumento*, qamħ; jew minn tal-*mischiato*, maħlut, jiġifieri qamħ u xgħir miżrugħ, maħsud, u mitħun qisu ħaġa waħda; jew inkella minn tal-*orgio* jew *orzo*, xgħir.

Tliet mit sena ilu, l-imtieħen tar-riħ kienu għadhom ma waslux Malta u għalhekk id-dħin kien isir bil-mitħna tal-miexi. Iż-żrieragħ għad-dqiq kienu jintaħnu bejn żewġ blatiet kbar, imsejħa ġebel tal-mitħna. Dawn il-ġebel kienu taż-żonqor, tondi, għoljin mal-45 ċentimetru, b'diametru ta' żewġ metri neqsin ftit, u fin-nofs kellhom toqba b'diametru ta' 30 ċentimetru.

Il-ġebla ta' isfel ma kinitx tiċċaqlaq għaliex kienet tkun miżmuma tajjeb bi gwarniċ ta' l-injam oħxon, magħruf bħala n-nasba. Il-ġebla ta' fuq kienet tiddawwar permezz ta' seffud li kellu ngast fil-ġebla. Is-seffud kien marbut ma' mekkaniżmu mmexxi dawramejt mal-kamra tal-mitħna minn bhima mgħammda u xi drabi anki mill-iskjavi.

Il-Bandu jiffissa l-prezz massimu li setgħu jieħdu t-taħħana għal *tumino* jew tomna żrieragħ; tomna fiha għaxar sigħan jew 18.18 deċimetri kubi. Għal tomna qamħ setgħu jieħdu 12-il ħabba; għal tomna maħlut, 10 ħabbiet; għal tomna xgħir, disa' ħabbiet. Irbiegħi (li tiġi 0.0175 Ewro) fiha għoxrin ħabba.

Għaliex din id-differenza fil-prezz? Toni Calleja mill-Għasri hu tal-fehma li din għandha x'taqsam maż-żrieragħ. Il-qamħ hu iktar iebes mill-maħlut, li hu iktar iebes mix-xgħir. Il-qamħ kien irid iktar dawrien u iktar xogħol u għalhekk it-tħin tiegħu kien l-ogħla.

It-taħħana kellhom jagħmlu xogħolhom sewwa. Min kien jonqos li jagħmel hekk u d-dqiq ma kienx ikun ħaġa kien, l-ewwelnett, jeħel multa ta' ħmistax-il irbiegħi; it-tieni, kien ikun obbligat iħallas id-danni lis-sid jew lis-sidien taż-żrieragħ.

Ta' min iżid li d-dqiq ma kienx joħroġ mill-ewwel mat-tħin. Fl-ixkora fejn tinġabar it-taħna kien ikun hemm erba' prodotti mħallta ma' xulxin, jiġifieri dqiq, nuħħala, granza, u qxura. Dawn kienu jiġu mifruda minn xulxin b'għerbiel apposta. L-ewwel, b'għarbiel fin ħafna, kien joħroġ id-dqiq; imbagħad in-nuħħala, li tingħata lit-tiġieġ; it-tielet, il-granza, qoxra rqiqa li tingħata bħala għalf lill-flieles; u fl-aħħar il-qxura, li tingħata lil bhejjem.

Meta l-kwantità mitħuna tkun żgħira, it-taħħan kien iqiegħed kollox fl-istess xkora. L-ewwel kien iqiegħed il-qxura, jagħmel għoqda, iqiegħed il-granza, jagħmel għoqda oħra, u l-kumplament. Hekk il-prodott tat-taħna ma kienx jitħallat.


Item che li molinari non possano macinare il frum.to più di gr: dod... il tum.; il m.to a gr: dieci il tum.; e l'orgio a gr: 9: il tum.; e quelli che guasteranno la farina che non sarà ben macinata sa- ranno in pena di pagare tt quindeci applicandi come sopra, e siano in pena di riffare il danno, et interesse alli Padroni o Padrone di Vittovagli.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (24)



# Ġesù Kristu, l-Iben t'Alla u l-Feddej Tagħna

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

*(jaqbad mal-aħħar ħarġa)*

## 14. Żewġ Naturi f'Persuna Waħda ta' l-Iben ta' Alla

Fi ftit kliem nistgħu ngħidu li l-Inkarnazzjoni hija l-misteru ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Meta nużaw it-termini jew kelmiet "persuna" u "natura", ngħidu li l-Inkarnazzjoni hija l-misteru li l-Iben ta' Alla, bħala Persuna divina għandu kemm in-natura divina kif ukoll in-natura umana. Meta nitkellmu hekk u nużaw it-termini "persuna" u "natura", ma nkunux qegħdin nispjegaw il-misteru ta' Alla magħmul bniedem, għax fost il-bnedmin ħadd ma jista' jispjega sewwa ebda misteru divin, għaliex moħħna ma jasalx biex jifhem u jispjega l-profondità ta' Alla. Iżda għalkemm ma nistgħux nifhmu kif Kristu l-Iben ta' Alla fl-istess waqt jista' jkun Alla u bniedem, aħna nafu permezz tal-Fidi fir-Rivelazzjoni li dan il-misteru huwa verità, u għalhekk nemmnuh u nistqarruh.

L-Inkarnazzjoni seħħet mhux billi Alla nbidel fi bniedem jew billi n-natura ta' Alla nbidlet fin-natura ta' bniedem, u l-anqas bil-konfużjoni jew taħlita flimkien taż-żewġ naturi, jiġifieri li dawn it-tnejn tħalltu flimkien, qishom inħallu u saru realtà waħda, iżda l-Inkarnazzjoni seħħet billi fil-Persuna tal-Verb Divin saret l-unjoni jew l-għaqda taż-żewġ naturi, mingħajr ma tnaqqas xejn min-natura divina u l-anqas min-natura umana. Kristu kien Alla u baqa' Alla; ma kienx bniedem sa minn dejjem, iżda fil-milja taż-żminijiet sar bniedem fil-ġuf purissimu tal-Verġni Marija; ma kellux bħalna l-bnedmin missier naturali tiegħu, imma tnissel u sar bniedem bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu, u daħal fis-soċjetà umana u fl-istorja tal-bnedmin.

Iż-żewġ naturi, umana u divina fi Kristu, baqgħu distinti u magħżulin minn xulxin, kif għallmet il-Knisja kontra l-ereżija tal-Monofisiti, u kull waħda kienet sħiħa fiha nfisha, bla ma jitħalltu flimkien. Kristu għandu ruħ umana vera u bla ma jonqosha xejn, intellett uman u rieda umana proprja tiegħu; f'ħajtu wettaq ukoll għemejjel jew atti umani li nosservawhom fil-bnedmin kollha, bħal meta kien jiekol, jixrob, jimxi, jitkellem, jew jibki.

Iżda din id-distinzjoni mhix separazzjoni; difatti, anki n-natura umana u mhux biss in-natura divina, iżda t-tnejn jappartienu lill-Persuna Divina tal-Verb ta' Alla; l-istess Kristu, persuna waħda li għamel il-mirakli bħala Alla u li bata' fuq is-salib bħala bniedem.

### Meta seħħet l-Unjoni Ipostatika u sar realtà l-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni?

L-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin twettqet meta l-Iben t'Alla, it-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa, ħa n-natura umana u sar bniedem. Sar esseri uman u veru iben ta' Marija meta ġie ikkonċeput fi ħdanha b'mod mirakoluż bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, u fl-istess ħin baqa' Alla. Il-Persuna Divina tiegħu għaqqdet flimkien in-natura divina li kellu sa minn dejjem man-natura umana li ħa meta ġie mnisssel . Din ir-realta' tan-natura divina u n-natura umana fil-persuna unika ta' Kristu, it-teoloġi jsejħulha "Unjoni Ipostatika".

Nistgħu ngħidu għalhekk, li l-misteru sopranaturali ta' l-Inkarnazzjoni ta' Kristu beda jseħħ mill-mument tat-tnissil uman tiegħu, kien jeżisti matul ħajtu fid-dinja, fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien u t-tlugħ tiegħu fis-sema, fejn Kristu jibqa' għal dejjem bħala Medjatur bejn Alla u l-bnedmin: "Huwa jista' jsalva għal kollox lil dawk li bih jersqu lejn Alla, ladarba hu jibqa' għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom" (Lhud,7,25). Kristu, il-Verb Inkarnat, jiġi wkoll fl-aħħar tad-dinja biex jagħmel il-ħaqq mill-bnedmin kollha, meta jidher bħala bniedem fis-sebħ tiegħu.

Dwar il-fatt li mat-tnissil ta' Kristu bdiet isseħħ ir-realtà ta' l-Inkarnazzjoni, il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (n. 484) jgħallimna li "t-tħabbira li saret lil Marija tat bidu għall-milja taż-żminijiet" (Gal 4,4) jiġifieri, meta beda ż-żmien li fih kellhom iseħħu l-wegħdiet u t-tħejjijiet kollha, Marija ġiet mistiedna biex tnissel lil Dak li fih kellha tgħammar "il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem" (Kol 2,9). It-tweġiba ta' Alla għall-mistoqsija: "Kif ikun dan, ladarba jien verġni ?", ingħatat bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu:



***Konċeput mill-Ispirtu s-Santu u mwieled minn Marija Verġni***

**"Ġesù Kristu huwa l-Iben waħdieni t'Alla, jiġifieri l-Kelma t'Alla, it-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità, li minħabba fina l-bnedmin, u minħabba s-saħħa tagħna niżel mis-smewwiet u sar bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu... Huwa Alla veru u bniedem veru: Alla perfett u bniedem perfett... Id-differenza ta' Kristu bħala bniedem mill-bnedmin l-oħra qiegħda hawn, li hu twieled bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li hu għandu persuna waħda u dina divina għalkemm għandu żewġ naturi, u li hu bniedem bħalna, iżda mingħajr dnub."**

***Il-Beatu Ġorġ Preca, fil-ktieb tiegħu "Paragrafi fuq Ġesù Kristu", par. 8,9,19.***

"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek"(Lq 1,31). "L-unjoni – jikteb San Ċirillu ta' Lixandra (Epist ad Nestor, 1) - kellha bidu fil-ħdan matern."

## Il-Persuna Unika tal-Verb Divin, l-Iben Etern ta' Alla

L-Iskrittura Mqaddsa tgħallimna li fi Kristu hemm biss Persuna waħda, il-Persuna tal-Verb Divin. Nafu li Kristu huwa Persuna Divina waħda għaliex il-mod kif jitkellmu dwaru l-Kotba Mqaddsa jista' jinftiehem biss jekk nemmnu li Kristu huwa persuna waħda u Persuna Divina.

Biex niġbru fil-qosor it-tagħlim kattoliku dwar l-Inkarnazzjoni kif jirriżulta mill-Iskrittura Mqaddsa, intennu li:

(i) Kristu kellu natura umana vera u sħiħa;

(ii) kellu wkoll natura divina għaliex huwa etern, jiġifieri kien minn dejjem, u għandu l-istess sustanza jew natura tal-Missier Alla;

(iii) fi Kristu, il-Persuna li hija Alla hija identika ma' l-istess Persuna li hija bniedem. L-Iskrittura tgħid li l-Persuna ta' l-Iben il-waħdieni tal-Missier hija l-istess Persuna li twieldet mill-Verġni Marija. Dak l-istess wieħed li huwa l-Iben t'Alla sa minn dejjem sar bniedem bħalna. Il-Persuna li kellha l-istess natura divina li għandu l-Missier, m'hix differenti mill-Persuna li għandha n-natura umana, anzi hija identika magħha. Kristu huwa persuna waħda u mhux żewġ persuni, għad li għandu żewġ naturi. Dak l-istess wieħed li ġarrab it-tbatija u l-mewt tas-salib qam mill-mewt u jistħoqqlu jkun adurat mill-anġli u mill-bnedmin, għax huwa Alla.

Għalhekk, l-għemejjel u l-atti kollha tan-natura divina ta' Kristu u tan-natura umana tiegħu jappartienu lill-Persuna Divina, jiġifieri l-Persuna ta' l-Iben ta' Alla. Dan ifisser li kliemu u l-għemejjel kollha tiegħu kellhom valur infinit għaliex huma kliem u għemejjel ta' Persuna Divina.

## Sakemm iddum il-għaqda jew l-unjoni ipostatika?

Mir-rivelazzjoni nafu mhux biss li Alla sar bniedem imma nafu wkoll li jibqa' jżomm in-natura ta' bniedem għal dejjem, jiġifieri li l-unjoni ipostatika hija eterna: għad li kellha bidu iżda ma jkollha qatt tmiem. Dan jurina li Alla verament iħobbna ladarba ried li jkun u jibqa' bniedem bħalna l-bnedmin għal dejjem.

L-Anġlu Gabriel, meta ħabbar l-Inkarnazzjoni lil Marija, qalilha li Ġesù binha kellu jkun "Sultan għal dejjem" (Lq 1,31-34): "Inti tnissel u jkollok Iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu."

L-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud, meta jitkellem dwar is-saċerdozju ta' Kristu, jgħid: "Ġesù, billi jibqa għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt" (Lhud 7, 24).

Mhux sempliċiment il-"Kelma" jew "Il-Verb" iżda l-Kelma li saret ġisem, Ġesù, il-Bniedem Alla, li huwa s-Sultan tagħna u l-Qassis il-Kbir tagħna; jekk huwa għal dejjem Sultan u l-Qassis il-Kbir, daqshekk ieħor hu veru li jibqa' għal dejjem Alla-Bniedem.

L-eternità ta' l-unjoni ipostatika jxandarha l-awtur ta' l-Ittra lil-Lhud (13, 8), fejn jgħid: "Ġesù Kristu huwa dak li kien fl-imgħoddi, issa u għal dejjem."

## Għalfejn sar bniedem l-Iben t' Alla ?

L-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna biex isalva lill-bnedmin mid-dnub. Xi teoloġi ddefendew l-opinjoni li Alla kien isir bniedem anki kieku l-bnedmin ma waqgħux fid-dnub. Iżda San Tumas josserva li Alla ma qalilniex x'kien ser jagħmel kieku l-bniedem ma dinibx. Huwa aħjar, għalhekk, li ma ngħidux ħaġa oħra ħlief dak li qal Alla nnifsu, jiġifieri li l-Iben ta' Alla sar bniedem biex jifdi l-bniedem mid-dnub. Huwa ġie fid-dinja biex ineħħi d-dnubiet, kemm dawk attwali kif ukoll l-oriġinali, jiġifieri d-dnub tan-nisel. Ladarba d-dnub tan-nisel itebba' l-ġens uman kollu kemm hu, jista' jingħad li għad li Kristu ġie biex ineħħi kull dnub, huwa ġie fuq kollox u l-iktar biex jeħles lill-bnedmin mid-dnub oriġinali.

Kieku Kristu ma sarx bniedem bħalna u ma wettaqx l-opra tal-fidwa billi bata' u miet għalina, konna nibqgħu lsiera tad-dnub u tal-għadu tagħna x-xitan.

*(jissokta f'ħarġa oħra)*




# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(It-Tlieta u Għoxrin Parti )*

**(jaqbad mall-ħarġa ta' qabel)**

## IL-ĦAXIX ĦAŻIN

Wara x-xita ħafna raba' jimtela bil-ħaxix ħażin. Bin-nuqqas ta' demel naturali hija verament ħasra jekk dan il-ħaxix jitħalla jiekol l-art. Wieħed ma jridx jinsa li ħaxixa, kemm jekk tkun tajba, kif ukoll jekk tkun ħażina, biex tgħix u tikber tieħu s-sustanzi mill-art. Waħda mill-iktar ħxejjex ħżiena li daħlet f'dawn il-gżejjer għall-ħabta tal-bidu tas-seklu dsatax hija l-Ħaxixa Ingliża. Ġabuha mill-Afrika ta' Isfel u daħlet bħala fjura eżotika fil-ġonna botaniċi ta' Malta. Minħabba s-sistema riproduttiva eċċellenti li għandha u l-klima tajba li sabet hawn, malajr bdiet iżżerra' u fi żmien qasir infirxet sa l-ibgħad irkejjen ta' dawn il-gżejjer; ħonqot, saħansitra, il-ħxejjex slavaġ ta' pajjiżna, u bdiet tikkaġuna ħafna ħsara lill-uċuħ tar-raba'. L-annimali jikluha, imma jekk jieklu żżejjed tagħmlilhom id-deni u tista' toqtolhom, għax għandha ħabta toqgħod fuq l-istonku. Biex irażżan kemm jista' din il-ħaxixa, wieħed għandu jagħżaqha fil-miblul u ta' spiss.

Illum diffiċli ferm li wieħed jeqridha, għax dan ix-xogħol kien imissu sar mill-ewwel qabel ma bdiet tinfirex u tixtered sewwa. Illum kullimkien far biha.

Ħaxix ħażin ieħor hu kull xorta ta' nittiena, għobbejra, ħurtan, ħafur, niġen, xewk, ġarġir, ħubbejża, tilliera, u mijiet ta' ħxejjex oħra komuni.

Barra milli jiekol l-art, il-ħaxix ħażin iżomm fuqu u jxerred fuq uċuħ oħra kull xorta ta' dud u mard. Hawnhekk tajjeb ngħidu li dan il-ħaxix insejħulu "ħażin" mhux għax fih innifsu hu ħażin, imma għax jagħmel ħsara lill-uċuħ. Meta niltaqgħu miegħu fil-widien, fil-moxa u fix-xagħri, għandna nsejħulu ħaxix selvaġġ.

## Il-MOGĦŻA

L-ewwel nett hemm żewġ xorta ta' mogħża. Hemm ċerta razza ta' bebbux jew għekierex, li ma jittiklux, li jissejħu mogħża, jew bebbux Torki, u dawn jagħmlu ħafna ħsara għax jieklu l-weraq tax-xtieli. Dawn jinqerdu kif jinqered il-bebbux.

Hemm ukoll insett jixbah il-wirdien li jissejjaħ mogħża, iżda ta' daqs iżgħar, u ta' lewn iswed bħalma hu l-bukagħwar. Il-mogħża aktarx tkun moħbija fit-trab. Tagħmel ħsara kbira lill-uċuħ, l-aktar nett lill-bħajra, qara' bagħli u kull qara' ieħor.

Dari l-bdiewa kienu jfittxuha fil-għodu u fejn isibuha jisħquha tajjeb billi hi xi daqsxejn iebsa u tirreżisti ħafna.

## Il-ĠRAD

Il-ġrad hu insett li jagħmel ħsara kbira lill-ħxejjex. Il-ġrad raġel hu iżgħar mill-mara, u sakemm it-temp ikun fietel u sħajjen, dawn l-insetti jibqgħu jagħmlu l-ħbiela, jiġifieri jibqgħu jitgħammru u joktru. Il-ġrad ikollu bħal serrieq, li "jagħti s-sikkina" bih. Għalhekk, jekk tipprova taqbad ġrad b'idek, trid toqgħod attent ħafna għax jaf "jagħtik is-sikkina". M'hemmx għalfejn ngħidu, il-kastig tal-ġradi, kien wieħed mill-għaxar kastigi ta' Alla fuq l-Eġittu. Terġa', dari Għawdex ukoll ġie li nħakem minn sħabiet ta' ġradi li kienu jagħmlu ħerba mill-ħxejjex u s-siġar bħalma ġara mill-25 sat-30 ta' Lulju, 1696, u s-sena ta' wara fil-25 ta' Mejju. Niesna l-antiki kienu joħorġu l-istatwa ta' Sant'Ursla li hemm il-Katidral u ċ-ċelebrant jisħet dawn il-ġradi. Il-ġradi saħansitra għandhom il-ħila jagħmlu ħafna ħsara lis-siġar meta jirronnaw. Bil-kelma "jirronnaw" il-bdiewa jifhmu meta joktru jew jiżdiedu ħafna.

Wieħed mill-misteri tal-ġradi hu li jagħmlu snin sħaħ ma jidhrux, imma mbagħad, ħin bla waqt jiġi żmien meta minnhom jidhru bil-mijiet ta' eluf, sħaba enormi, u fejn jattakkaw jagħmlu ħerba sħiħa.

Milli jidher, meta dawn il-ġradi jgħibu, ikun għad



fadal xi ftit minnhom x'imkien mhux milħuq mill-bniedem. Hemm ibiddlu lewnhom f'aħdar bħall-ħaxix u meta jsibu temp jew klima tgħodd għalihom jiżdiedu bil-miljuni fi żmien qasir. Jerġgħu jbiddlu lewnhom u jitilqu lejn xi pajjiż 'il bogħod, jitferrxu ma' kullimkien u fejn jersqu jagħmlu ħerba.

Billi jħarbtu l-uċuh tar-raba', m'hemm ebda dubju li l-ġradi jħobbu jieklu l-aħdar. Imma dak li għandu mnejn mhux kulħadd jaf hu li l-ġradi jagħmlu wisq għas-smida kif jagħmluha meta jagħilfu t-tiġieġ minnha. Għalhekk, biex wieħed jeħles minn ħafna ġradi, fi żmien qasir u bl-inqas tbatija, m'għandu jagħmel xejn ħlief iqiegħed ħafna minn din is-smida avvelenata quddiem is-sħaba tal-ġradi u b'hekk jeħles l-uċuh tiegħu minn qerda żgura. Iżda hi ħaġa tqila li wieħed ikun jaf minn qabel li l-ġradi se jattakkaw, talinqas jekk ma jintlemħux resqin lejn x'imkien

Malta u Għawdex jinsabu fil-linja fejn jattakkaw il-ġradi, u għalhekk m'għandniex narawha bi kbira li fl-imgħoddi l-gżejjer tagħna kienu jbatu minn attakki bħal dawn u joħorġu l-istatwa ta' Sant'Ursla. Il-ġradi għandhom ħabta jintefgħu l-baħar u jmutu kollha f'daqqa. Hekk ġralhom meta darba ċ-ċelebrant, f'ċerimonja li saret fit-Tokk, seħet il-ġradi. Isimgħu din l-istorja.

Darba, fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, fis-seklu sbatax, meta wieħed mix-xwieni ta' l-Ordni daħal il-Port ta' Malta, il-kaptan għarraf li ftit 'il bogħod minn Malta kien hemm roqgħa kbira, qisha art oħra, hekk li l-baħrin ħasbu li kienu waslu Malta. Iżda meta tkixxfu sew raw li din ir-roqgħa kienet għadd bla qjies ta' ġradi mejta f'wiċċ il-baħar. Jingħad li dan kien miraklu għax Malta dik il-ħabta kien hawn għaks kbir, u żgur li l-gżira ma kenitx tiflaħ il-qerda ta' l-uċuh mill-ġradi. B'ħajr lil Alla u lill-Madonna, il-Gran Mastru kien amar li jitkanta *Te Deum* fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Kienet is-sena 1648.

## IL-BUĦARRAT

Hemm żewġ xorta ta' buħarrat, dak aħdar, (buħarrat aħdar), li jaqta' l-patata malli tinbet, u l-ieħor il-buħarrat tal-qarn, għax għandu bħal qarn tal-bebbux. Il-buħarrat aħdar jaqta' wkoll il-patata meta tikber sa ċertu żmien, u ġieli jissejjaħ ukoll bumellies. Hu jaqta' l-patata mill-wiċċ u jinħeba taħt l-art, u jersaq ħdejn xitla oħra. F'lejl wieħed jista' jagħmel ħafna ħsara, għalhekk malli nsibuh għandna neqirduh. Il-qanfud hu għadu kbir tal-buħarrat. Għalhekk m'għandniex noqtlu qniefed.

Il-buħarrat tal-qarn għandu qarn iebes, imżejjen b'ħafna lwien ta' ġmiel. Il-buħarrat iħaffer taħt wiċċ il-ħamrija tas-saqwi biex imur jeqred ix-xtieli minn taħt. Jista' jħaffer minn sitt piedi sa tmintax-il pied taħt l-art u jiekol il-bebbux u d-dwied, għalkemm jagħmel il-ħsara fl-egħruq tax-xtieli.

## IS-SUSA

It-tuffieħ u l-lanġas li jkun mimsus bis-susa għandu jinqata' kull jum u jinqered id-dudu tas-susa li jkun hemm ġewwa l-frotta. Għandhom jinżebgħu wkoll il-friegħi u z-zkuk tal-lanġas bil-mistura ta' l-arseniku jew bil-qatran biex ma tagħmilx għalihom is-susa.

## IL-GRILLU JEW IL-BUĦARRAT

Dan huwa insett kbir u iebes ta' lewn skur li jlaħħaq it-tul ta' bejn wieħed u ieħor pulzier u nofs. Saqajh ta' quddiem huma b'saħħithom ħafna u jinqeda bihom biex iħaffer mina taħt il-ħamrija. Il-mina li jagħmel taħt wiċċ il-ħamrija tista' tintebaħ biha billi tara l-ħamrija tal-wiċċ imxaqqa. Minħabba f'hekk wieħed malajr jista' jintebaħ bil-moħba tiegħu. Il-grillu jinħeba matul il-ġurnata u joħroġ bil-lejl biex igerrem il-patata l-ġdida kif ukoll iz-zokk tal-faxxina ta' wiċċ l-art.

## IŻ-ŻUNŻAN U L-BAGĦAL

Iż-żunżan u l-bagħal huma bħal naħal li jagħti x-xewka, li hi agħar minn tan-naħal għax taħraq wisq iżjed. Iż-żunżan jagħmel ħsara kbira lill-frott. Dan għandu ħniek iebsin, donnhom snien, li bihom iċarrat u jtaqqab il-frottijiet li se nsemmi: ħawħ, naspli, lanġas, ċiprisk (nuċiprisk), tin, għeneb, dulliegħ, tadam, berquq, rummien, bajtar tax-xewk u frottijiet oħra.

Bħaż-żunżan hemm ukoll il-bagħal, kemm il-kbir, kif ukoll iż-żgħir.

Hawn ta' min igħid li n-naħal m'għandux il-ħila jtaqqab il-frott, imma fejn isibu mitqub, allura jersaq biex jerda' l-għasel.



## IL-BUMUNQAR BLA ĠWIENAĦ

Hemm tliet tipi ta' Bumunqar bla Ġwienaħ: Bumunqar lewn it-tafal, Bumunqar iswed u Bumunqar aħmar skur. Dawn it-tliet suriet ta' bumunqar, ftit ivarjaw fid-daqs, iżda huma differenti ħafna fil-għamla. Il-bumunqar jidher għall-aħħar tar-rebbiegħa u l-bidu tas-sajf.

Il-bumunqar jiekol ħafna tipi ta' pjanti u siġar, idur għall-weraq tari, għeruq u qxur taz-zkuk u b'hekk jikkaġuna ħafna ħsara. Matul is-sajf dan l-insett ibejjet fil-ħamrija maġenb il-pjanti li jkunu tajbin biex meta jfaqqas ix-xagħat (id-dudu ta' l-insett) ikun jista' jiekol l-egħruq tagħhom u jgħix sar-rebbiegħa. Wara li jingħalaq għal xi żmien fil-fosdqa, id-dudu jsir insett u jerġa' jibda ċ-ċiklu tal-ħajja mill-ġdid.

Il-bumunqar lewn it-tafal. Dan hu l-aktar li jagħmel ħsara. Minħabba l-kulur kannella tiegħu u t-tikek aktar ċari, ma tantx jidher malajr. Malli jibda jidlam joħroġ u jibda jagħmel ħerba mill-qliebi tas-siġar tal-frott, mill-egħjun u miż-żahar, u xi drabi jdur ukoll għall-weraq billi jtaqqbu. Xi drabi jattakka wkoll il-piżelli u l-ful.

Il-Bumunqar iswed. Dan il-bumunqar għandu daqs ta' tliet kwarti ta' pulzier u fuqu jidhru tikek kulur safrani. Jgħix għal staġun wieħed biss, fis-sajf, u xi drabi żewġ staġuni. Il-bumunqar iswed jagħmel ħsara l-aktar fil-qliebi u l-egħjun tad-dwieli, u jattakka wkoll il-weraq tas-siġar.

Ix-xagħat tal-bumunqar iswed jagħmel ħsara kbira lill-pjanti li jkunu fil-qsari billi jiekol l-egħruq u b'hekk ix-xitla ma jkollha ebda saħħa. Ix-xagħat tal-bumunqar idur ukoll għax-xitel tal-frawli u jagħmel ħafna ħsara.

Il-Bumunqar aħmar skur. Imsejjaħ hekk, iżda għandu lewnu iswed ileqq. Twil xi nofs pulzier u saqajh huma ta' kulur aħmar skur. Dan l-insett l-aktar li jattakka s-siġar tal-għajnbaqar fejn jidher f'għadd tassew kbir. Iżda jattakka wkoll siġar tal-frott oħra bħal lanġas, nuċiprisk (ċiprisk) u berquq.

Il-bumunqar bla ġwienaħ, ladarba jidħol fir-raba' ta' xi ħadd, diffiċli li jinqered. Għalhekk, wieħed irid joqgħod attent ħafna minnu.

Dari, f'każ ta' siġar attakkati bil-bumunqar bla ġwienaħ, il-bidwi kien imur bil-lejl, iċaqlaq il-friegħi tagħhom u jilqa' d-dud f'xi banju jew xi għarbiel b'qiegħu mgħotti.

## IL-BUMUNQAR TAL-KROMB

Dan il-bumunqar is-soltu jidher għal matul il-ħarifa. Hu dudu abjad u li jkollu rasu kannella. Dan id-dudu għandu tul ta' xi nofs pulzier, u meta jilħaq ma jkollux saqajn. Il-bumunqar igerrem l-egħruq u, wara li jeqred ix-xniexel kollha ta' mad-dawra, idawwar għall-għerq prinċipali u jiġi li saħansitra jħaffer mina u jitla' minn ġol-għerq għal ġoz-zokk tal-pjanta. Il-pjanti attakkati jsiru ta' lewn aħdar ċar jew isfar, imbagħad jitbielu. Għalkemm il-pjanti attakkati jistgħu jerġgħu jiġu 'l quddiem, imma xorta ma jikbrux u ma jkunux b'saħħithom daqskemm imisshom.

## IL-BUMELLIES U L-BUMUNQAR

Il-bumellies u l-bumunqar jattakkaw il-ħażna tal-qamħ u x-xgħir li jkollu l-bidwi. Dan jiġri għax il-ħsad isir fin-nida u l-bidwi jorbot il-qatt meta ż-żara' jkun għadu mxarrab bin-nida u ma jħallihx jinxef sewwa fix-xemx. L-istess jekk wieħed jidres (fuq il-qiegħa) meta ż-żara' jkun għadu mxarrab bin-nida, jew inkella jaħżen il-qamħ u x-xgħir fil-għodu meta jkun għadu ma tqajjarx bix-xemx. Dan jiġri wkoll jekk il-ħażna ssir f'xi post umdu. Għalhekk, kulmin irid jaħżen għat-tul irid inixxef sewwa, u qatt m'għandu jagħmel hekk jekk il-prodott ikun niedi.

Iżda hemm tipi oħra ta' bumunqar: tad-dwieli, tal-ful, tal-kaboċċi, tal-qoxra taz-zokk, tal-frott, taż-żebbuġ. Imma dawn l-ismijiet aktarx huma varjanti ta' ismijiet ta' insetti oħra li l-bdiewa ma jkunux jafu x'jisimhom preċiż.

## IL-BUKAGĦWAR (ĦANFUSA)

Dan huwa l-isem ta' ħanfusa li tgħix fid-demel. Tattakka l-patata, it-tadam u l-qaqoċċ.

## IL-BUKAGĦWAR (DUDU)

Il-Bukagħwar huwa dudu abjad u artab li meta jikber jista' jitwal sa żewġ pulzieri u jeħxien sa nofs pulzier. Ikollu rasu lewn kannella fl-aħmar ċar, u għandu sitt saqajn ta' l-istess kulur. Ġismu hu bbuzzat minn taħt b'mod li d-dudu jista' jinbaram kważi f'sura ta' ċirku. Il-bukagħwar igħix fuq l-egħruq ta' ħafna pjanti bħalma huma t-tadam, il-patata u ħxejjex oħra, kif ukoll id-dwieli. Ma tantx hi ħaġa ħafifa li teħles il-pjanti, l-aktar id-dwieli, mill-attakki ta' dan id-dudu. Xi drabi jkun jaqbel li wieħed jittratta l-art għall-bukagħwar qabel, ngħidu aħna, ma jiżra' l-patata jew iħawwel id-dwieli.

## BURAĦBA

Dan huwa isem ieħor għall-ħanfusa. Hawnhekk ta' min jinnota li l-kelma "raħba" tfisser soru, il-femminil ta' "raheb" (qassis jew eremita). *(Jissokta)*




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR ♦ RESTAURANT ♦ PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Xerri l-Bukkett

Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. 21553500

HILITE
HARDWARE STORE
FRANCO - BELGE FIRE PLACES
Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places
113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

Home Decorations
* Specialising in Gypsum wall partitions
* Gypsum Board Soffit and all kinds of tiles
* PVC Wall Panelling
* Interior Painting
For Free Home Estimates
Call Frank Azzopardi
on 2156 5241 or 9982 9195

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

FUQ L-INTERNET
RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo
IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX
http://www.gozodirect.com/lumenchristi

# Għawdex... kif nafu u narah jien 2



# "LI KIEKU MALTA MA KELLHIEX LIL GĦAWDEX..."

*Il-Baruni Kelinu Vella Haber jagħtina l-impressjoni u l-fehmiet tiegħu*

Nibda biex nistqarr, anzi wkoll niftaħar, li jiena Għawdxi! Iżda dan ma jfissirx li jien għamilt li għamilt għal Għawdex sempliċiment għax jien Għawdxi. Difatti jiena iktar għext f' Malta milli f' Għawdex, u jerġa' f' Għawdex kont drajt mhux biss lin-Nadur li trabbejt fih imma wkoll irħula oħra, fosthom l-iktar il-Qala fejn kelli n-nanna, omm ommi, u fir-Rabat, il-Belt Vittorja, fejn domt sena sħiħa fis-Seminarju, u jerġa fi żmien it-Tieni Gwerra domt fuq sena ngħallem il-Malti l-Liċeo u s-Seminarju. Imma f'Malta wkoll jiena għext żmien fil-Belt Valletta, fil-Ħamrun, fir-Rabat ta' l-Imdina u mhux inqas minn erba' snin f' Birkirkara. Ilni 56 sena l-Gżira. Għalhekk nistħajjilkom tistaqsu lilkom infuskom: "Dan għalfejn imil?"



Nibda biex ngħid li min imil ħafna trid dejjem tneħħilu t-tara ta' dak li jgħid. Jiena ftit li xejn immil, forsi għax twelidt fl-ewwel jum ta' Ottubru u għalhekk f'nofs żmien il-"Libra" jew "Bilanċja" fejn il-kefef tal-miżien jibqgħu qishom imwaħħlin bla ebda piż fuq naħa jew fuq l-oħra. Forsi min jaqra jaħseb li qed niftaħar b'rixi, imma mhux hekk: qed ngħid il-verità kif inhi biex min jaqrani ma jneħħi ebda tara.

Dwar Għawdex, jiena ilni żmien twil, forsi daqqa ta' sittin sena, naħseb u nistqarr ħafna drabi f'moħħi u f'qalbi: "Issa li kieku Malta ma kellhiex lil Għawdex.... Kieku Malta kemm kienet tkun f' qagħda agħar milli hi?!....Kieku, kif jingħad, kienet tkun iżolata għal kollox u l-Maltin ma kienx ikollhom fejn imorru għal xi ħarġa tagħhom hekk fil-qrib u hekk malajr u fejn in-nies jitkellmu bħalhom! Affarijiet bħal dawn, anzi kumditajiet kbar bħal dawn, aktarx li l-kotra lanqas biss taħseb dwarhom.".... Issa dan li jingħad għal Għawdex, tista' ddawru wkoll f'ċertu sens għal Malta, għax kieku Għawdex ma kellux lil Malta.... kieku jkun hemm wisq aktar x'jingħad favur u kontra, u jien ngħid li allaħares kien hekk! Minħabba dan kollu, lil Għawdex nistħajlu l-"Ġawhra ta' Malta"l-iktar minħabba ċerti differenzi tiegħu minn Malta, bħalma huma t-tip ta' ħajja, dak iċ-ċertu skiet u hemda, id-dehra ġenerali tiegħu kollu panorami, widien u għoljiet bl-irħula msaqqrin fuqhom, gżira ċkejkna li tnissel serħan fil-moħħ u serħan fil-ġisem. M'humiex dawn l-affarijiet li jġagħluk tħobbu lil Għawdex?!



Fi tfuliti Għawdex kien xort'oħra. Dak iż-żmien bejn Malta u Għawdex kien hemm biss vapur daqs ġewża, jismu l-"Golly" u ieħor iċken jismu "Wembley". Bit-



tnejn jiena ġieli mort Malta u rġajt lura lejn Għawdex. Id-daqsxejn ta' vapur kien jitlaq mill-Port il-Kbir (ir-rotta tal-Marfa jew taċ-Ċirkewwa ma kenux jeżistu) u meta jasal Għawdex il-vapur jorbot ma' baga u n-nies jinżlu jew jitilgħu fuqu bid-dgħajsa! Port bħala tali ma kienx hemm. Kien hemm pont fejn jorbtu d-dgħajjes t'Għawdex. Ma' dawk ukoll kont immur Malta u nerġa' lura. Kienu jieħdu sagħtejn u nofs biex jaslu! Ix-Xatt kien ikun hemm karozzin jew tnejn jistennew il-"*Golly*" biex jiddubbaw xi kirja. Tal-karozzin kif jara li resqet id-dgħajsa mal-moll kien jibda jgħajjat: "Manifk!, ejja Manifk!" Għalih kull passiġġier manifk (nutar) kien, għax mill-bqija, min se jikri karozzin, u kemm nies kien ikun hemm fuq il-vapur?... Dak iż-żmien la kienu jeżistu "Tal-Linja" u lanqas karozzi li ma kenux tal-linja! Xi nutar kien imur Għawdex darba kull ma nafx kemm biex xi ħadd imur jagħmel it-testment għandu!



Għawdex kien hemm faqar tarah u tmissu. It-tagħlim aktarx kien jieqaf mar raba' klassi elementari jew mal-ħames klassi. Fl-1928 meta jien għamilt sena s-Seminarju tar-Rabat, min-Nadur, l-ikbar raħal t'Għawdex, konna biss xi sitta jew sebgħa li komplejna l-iskola! Dak iż-żmien ħafna tfal u zgħażagħ kienu jilagħbu għall-buttuni fit-toroq, jaħlu biċċa minn ħajjithom fix-xejn!

Intom ilkoll tafu li l-Malti jgħid li l-ħamiema meta toħroġ mil-barumbara tagħha, terġa' lura lejn il-barumbara! In-natura hekk magħmula u saħansitra l-istess bniedem iħoss li jekk ikun telaq... jerġa' lura lejn pajjiżu u lejn ir-raħal li jkun trabba fiħ għax hemm huwa jkun beda jifhem u jgħożż il-ħajja u jħobb jew jobgħod xi affarijiet, u hemmhekk ikun sar jaf lil dik u lill-oħra. Minħabba dan kollu, min hu dak l-Għawdxi li ma jħobbx lil Għawdex? B'danakollu ma rridux nieqfu hawn, għax ħafna ftit jagħtu każ ta' dan. Fid-dinja tagħna mhux kulħadd għandu l-istess għadd ta' talenti, u dawk li talenti għandhom ftit x'tista' tistenna minnhom?... Ma tistax tistenna dak kollu li jistgħu jagħtu dawk li talenti għandhom ħafna! Għalhekk huwa xieraq li kulmin għandu xi talenti, jaħseb biex minnhom jew bihom jagħti xi ħaġa lil Għawdex. Huwa bil-ħila ta' kulħadd, speċjalment ta' dawk li għandhom it-talenti, li Għawdex jista' jisbieħ aktar, li Għawdex jista' jgħix aħjar, li Għawdex ikun iktar post imfittex milli huwa llum.



Bħala Għawdxi rrid ngħid kelma wkoll fuq il-knejjes t'Għawdex. Hija idea żbaljata ħafna li xi wħud jitkellmu fuq il-knejjes tagħna bħala idea ta' min huwa mwaħħal mal-kampnar tar-raħal! Dawn it-talin qatt ma jġibu quddiem għajnejhom li dawn il-knejjes huma monumenti tal-poplu! Ġibu quddiem għajnejkom kemm tħabrik sar u kemm sar xogħol volontarju u kemm ħeġġa faret minn ruħ dawk l-eluf ta' raħlin matul tant snin biex dawn il-monumenti telgħu u sbieħu kif inhuma llum!

Semmejt il-volontarjat. Iva! Ħafna drabi huma dawk li minn rajhom, jiġifieri volontarjament, jagħtu minn dak li għandhom lil pajjiżhom li pajjiż jieħu r-ruħ, jisbieħ, isiru fih affarijiet kbar, li r-raħal u l-pajjiż isiru ħafna aħjar biex il-bniedem jgħix fihom, igawdi x-xogħol, l-ambjent, il-ħbiberija u tant doti oħra sbieħ.

Semmejt l-ambjent. Bħalissa dak li l-iktar ibeżżagħni f'Għawdex huwa l-fatt li ħafna meddiet ta' raba qed jispiċċaw żdingati u b'hekk fi żmien sena tnejn isiru kollha bużbież selvaġġ u ħafura selvaġġa, u jagħtu dehra kerha, barra li ma jipproduċu xejn tajjeb. Jekk il-bidwi jispiċċa biex ma jkunx jaqbillu jaħdem ir-raba', wiċċ Għawdex jista' jinbidel f'xagħri. Jeħtieġ wieħed jifhem li ebda pajjiż m'huwa f'saħħtu biżżejjed jekk ma jipproduċix ikel għall-poplu tiegħu. Barra minn hekk, Għawdex huwa sabiħ għaliex iħaddar iktar minn Malta. Il-ħdura tal-widien u ta' l-għoljiet f'Għawdex toffri lilna wkoll nifs qawwi ħiereġ mil-pulmun li jnissel saħħa fil-ġisem u ferħ fil-moħħ. Ejjew naraw li bil-ħila tagħna lkoll lil Għawdex insebbħuh iktar, ngħożżu t-tradizzjonijiet tiegħu, l-leġġendi tiegħu; għaliex dik l-imħabba lejn dak li huwa tagħna tagħtina l-ħeġġa u l-għajnuna biex aħna wkoll nkunu ħallejna warajna sinjal ċar li ma niżżlulniex isimna biss fir-reġistru tat-twelid imma wkoll fil-fehma ġejjiena ta' l-Għawdxin li għad jiġu warajna.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Madre Ġemma Camilleri (1889-1973)
# 2. Ruħ Ewkaristika u Mara tal-Pariri

**jikteb Angelo Xuereb**



*Il-kappella tal-kunvent fin-Nadur*

Madre Ġemma kienet imfittxija ħafna minn nies biex tagħtihom pariri u faraġ fil-hemm li kienu jinsabu. Fiha raw bniedma li kienet qrib ħafna ta' Alla.

Hija kienet tassew ruħ Ewkaristika. Infatti hija ma kinitx tiffirma b'kunjomha iżda bħala Sr. Gemma di Gesù Sacramentato. Forsi kienet tagħmel hekk skond id-drawwa tal-Kongregazzjoni iżda ċertament dan kien ukoll frott ta' l-imħabba li kellha lejn Ġesù fl-Ewkaristija. F'dan ir-rigward hija mxiet fuq il-passi tal-Fundatriċi tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani, Madre Margerita Debrincat.

Meta hija kienet fid-dar ta' Ruma daħħlet id-drawwa qaddisa ta' l-Adorazzjoni Ewkaristika l-jum kollu fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar kif ukoll fil-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Ta' spiss kienet tħobb tagħmel l-Adorazzjoni Ewkaristika, kif ukoll tard bil-lejl kienet tgħaddi sigħat sħaħ quddiem is-Sagrament. Hija kienet tassew konvinta li kollox ġej minn Sidna Ġesù Kristu. Mingħandu hija rċeviet il-qawwa li għamlet minnha mara ta' ħila, reliġjuża eżemplari li kienet tobdi r-regola tal-Kongregazzjoni tagħha.

Ir-raġuni tgħidilna li kulħadd jagħti minn dak li għandu. Għalhekk il-kotra tal-poplu rat fiha l-bniedma ta' Alla u għandha kienu jmorru biex isibu faraġ fid-diffikultajiet tagħhom. Mhux biss il-poplu komuni kien jirrikorri għandha, iżda wkoll is-sorijiet tal-Kongregazzjoni tagħha kif ukoll is-Superjuri Maġġuri. Anki l-istess Fundatriċi tas-sorijiet Madre Margerita, meta kienet tmur iżżurha kienet iddum titkellem magħha fit-tul. Mis-sodda tagħha hija għamlet missjoni spiritwali mill-aktar nobbli.

Permezz tal-kelma tagħha hija kienet tfarraġ lil dawk li kienu jirrikorru għandha. Lil dawk li kienu jmorru fejnha kienet ittihom xi ħaġa żgħira, speċjalment meta kienet mixħuta f'qiegħ ta' sodda fil-kunvent tan-Nadur. Kull fejn kienet, għamlet ħafna ġid.

L-eżempju tagħha jagħmlilna kuraġġ biex nużaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħna għas-servizz tal-proxxmu tagħna.

*(Nixtieq inrodd ħajr lis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù tal-materjal li għaddewli u li fuqu din is-sensiela hija bbażata.)*

TAL-MUDELL
HARDWARE SHOP
FORTUNATO MIZZI STREET,
VICTORIA,GOZO - TEL 2155 4131

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

# Tony Camilleri

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

Gozo Verticals & Shades Ltd.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo

Tel. 21553352/21562211 - Mob. 9949 5001 - Fax 21562211

# RAYMOND CEFAI

## TAL-KELBA LTD.

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.

Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

## Ta' Vestru

BAR, RESTAURANT & PIZZERIA

Open daily for Lunch and Dinner

5, St. Joseph Square, Qala, Gozo. Tel: 2156 4589, 2155 9090

## Zeppi's Pub

*by Tania & Vince*

Typical old Gozitan bar serving a variety of drinks and snacks

St. Joseph Square, Qala.

Tel: 2156 0069 Mob: 9984 5538

*Għawdxin li għadna niftakru - 12* *Minn Pawlu Mizzi*

# ĠOĠÒ TAX-XEJXIER

Mingħandu tgħallimt il-prologu tal-*Barbiere di Sivilia*! Għadhom f'widnejja n-noti tiegħu. U Ġoġò b'sebgħu fuq ħalqu, miexi fuq ponot saqajh, ikanta minn taħt l-ilsien: '*Piano! Pianissimo! Senza parlar, tutti con me venite quà.*'

Kien iferraħ triq. Dejjem ikanta. Qisu għasfur fuq perċa. Tiela u nieżel, mill-ħanut tiegħu għall-pjazza, u mill-pjazza għall-ħanut. Isaffar jew ikanta. Daqqa il-marċ ta' l-*Aida* u daqqa l-'brindisi' tat-*Traviata*.

'*Fih għors!*' qalli darba Dolindu ta' Menzja, jidħak. Kulħadd kien jiggustah. Għax ċajtier. U jdaħħak anke b'surtu. Kien qisu Rossini, qasir u mbaċċaċ. U bħalu kien, moħħu u jdejh ma jieqfu qatt. Ixejjer dejjem b'qasba f'idu qisu s-surmast tal-banda. Kultant jgħaddi xi rimarka u jibqa' sejjer.

U Pawlu tal-Patri jibqa' jgħajjat bil-laħam u ta' Marozz, qisu ma ġara xejn, iħares lejn żewġ nisa bl-għonnella jagħżlu l-patata, jistenna u jgerfex fl-erba' basliet li kellu ġo ċurniena. U 'l hawn minnu Peppu ta' Peppa jiċċaċċra ħdejn daqsxejn ta' bieb, iħit fuq magna ġdida *Singer*. Kważi bieb ma' bieb miegħu z-ziju Manweli, jaqta' x-xagħar, bil-ħanut tiegħu beraħ, jinbex u jittanta lix-xemx għaddejja. Imbagħad il-ħanut ta' Ċokċok b'mara jew tnejn iħarbxu fil-buttuni; u aktar lil hawn,



Salvaturi bilqiegħda fuq kaxxa, ibandal saqajh, izekzek u jgerger li naqas il-biegħ! U Dolindu tad-deheb fil-kantuniera qisu detektiv, jgħarrex u jifli lil kull min jgħaddi. Tassew, tarf is-suq f'raħal medjevali...

Dan kien l-ambjent minn ħdejn San Ġorġ sa quddiem San Alwiġi. Triq dejqa imma ronduvù għal bosta żgħażagħ. Fosthom jien. Sakemm Ġoġò nduna għax kont immur hemm, u sar jaf bit-tfajla li kont inkellem hi u sejra lura d-dar mill-quddies.

Hekk kien jibda n-namur tagħna dak iż-żmien! Tistenna, biex fl-aħħar forsi tithenna b'xi kelma jew tbissima.

Ġoġò kien għażeb u l-iskoperta tiegħu donnha fakkritu fil-*Boheme*. Għax kif kien jarani kien jinfexx ikanta l-aħħar arja tat-tenur qabel jagħaq is-separju. Flok *Mimì! È morta! Mimì!* imma, kien jgħid: '*Marì! Bil-għatx il-gawwi! Marì!*'

Kien fih tip dan Ġoġò! Ikellmek bil-kant! U lil kulħadd b'xi kanzunetta jew arja partikolari.

Lis-Sur Lapira, pereżempju, kien isaffarlu d-*Danza delle Ore*. Għaliex ma nafx! Is-sur Lapira kien raġel kwiet u serju, imdaħħal fiż-żmien, u kien iġiblek suġġezzjoni. Xi darba kien reġistratur tal-Qorti. Kif kien jara lil Ġoġò, dan Lapira kien jieqaf b'idejh it-tnejn fuq il-bastun, joqgħod jisimgħu bi tbissima u jibqa' sejjer. Kont nisthajlu Sir Filippo Sceberras!

U lis-Sur Wiġ Cutajar kien idoqqlu l-preludju tat-*Traviata*. Għaliex lanqas naf. Is-sur Wiġ kien trux u ma kienx jisma' lanqas il-kanun ta' l-1812. Żgur, għalhekk, li ma kienx jaf x'kien qed idoqqlu Ġoġò. Is-sur Wiġ, imma, moħħ ta' avukat, kien jidħaklu xorta u jgħidlu: '*Tinstama' aħjar mill-banda tagħkom!*' Ġoġò kien ifaqqa' jidħak u jibqa' jsaffar.

It-*Traviata* kienet dik il-ħabta fuq xuftejn kulħadd. Fit-triq u fil-ħwienet. Tismagħha kullimkien. L-aktar fil-każini tal-Ljun u ta' l-Istilla. Għax it-tnejn bl-imħatra min minnhom sa jdoqqha l-aktar u l-aħjar.

Kienet saret manija tagħhom jinbxu lil xulxin. Jekk waħda ddoqq il-*Mefestofile* l-oħra ddoqq il-*Mosè*. Għax itqal, jgħidu. Imma jekk waħda ddoqq in-*Norma* għax melodjuża, l-oħra ddoqq l-istess biċċa u tipprova tesegwiha aħjar u b'aktar ħlewwa.

Kellhom ħeġġa aktar milli pika. Kont nitgħaxxaq nismagħhom. Lit-tnejn. U, minkejja li minn qaddisi

biered fil-partiti, dejjem interessajt ruħi fl-organizzazzjoni tagħhom. Darba staqsejt lil Ġużeppi Mercieca ta' Ganġetta kif jintgħażlu l-biċċiet li jindaqqu fi programm. Skantani kemm ħsieb u xogħol jinvolvu. L-ewwel fl-arkivju, imbagħad fis-sala tal-kunċerti bil-provi ġurnata wara l-oħra.

'*Anke għall-għażla tal-palk noqogħdu attenti,*' kompla qalli. '*Ċerta mużika tinstama' aħjar fuq il-pjanċier milli fuq in-nagħla.*'

Kienu popolari dawk il-programmi fit-Tokk! Kienu ta' liema banda kienu. U kulħadd kien jistennihom.

X'nostalġija jqabbduni niftakar fihom!

Ġie li nkun għaddej mit-triq nisma' l-kor tan-*Nabucco* u tat-*Turandot*, jew dik il-biċċa ta' l-inkwina mit-*Trovatore*. Malajr jiġi quddiemi t-Tokk ta' dak iż-żmien...

Kulħadd attent jisma'! L-aktar waqt xi silta solo tal-klarinett. '*Shhh! Shhh! Shhh! Karmenu tas-Sasisa!*' jew '*Biżżejjed! Dan iċ-Ċiek! Isma', isma' xi ħlew!*'Kien jaqa' skiet qaddis li ma kontx tista' tipprofanah! Labra taqa' dak il-ħin kienet tinstama'.

U n-nies! Bi ħġarha kienet tmur tisma'. Uħud bis-siġġijiet. Anke fuq San Ġakbu u fejn tar-Rebekk kien jimtela. U fit-taraġ tal-belt! Nies bilqiegħda gozz gozz.

Nifhem illum għaliex Ġoġò kien jinnamra ma' l-opri u mhux man-nisa. U għax minn kulfejn kien jgħaddi, in-nies tinġibed lejh!

Mur ġibu llum jara t-teatri tagħna, kif kien jiġġennen!

Imma x'ħeġġa kienet li biha tellgħuhom! U l-opri li juru! Kif tista' ma tbusx qiegħ saqajn Pawlu Cassar u Dwardu Grech? X'ma jisogħbikx tara d-duħħan tiela' mill-*Astra*! Kif kienet tingħafas qalbu jara dik il-ħerba! Kemm ħarġet minn qalbi l-*prosit* lill-avukat Caruana tal-Ljun għas-solidarjetà li wera mas-Sur Cassar ta'l-Istilla wara dak il-ħruq!

Nitnikket nara tant ħeġġa għal rikonċiljazzjoni titniġġes b'parrokjaliżmu bla sens!

Kienet tassew dinja oħra dik li trabbejna fiha aħna. Mhux aktar sinċiera imma ta' lanqas tolleranti. Kien hemm pika bejn ta' Santa Marija u ta' San Ġorġ! Altru kienx hemm! U b'qoxra ta' kukkudril! Waħda li kienet ilha teħmer minn qabel fis-Seklu Sbatax. Patri Pelaġju tal-Kapuċċini fl-1775 sejħilha 'skandaluża'. Għax kienet hi l-kawża tal-firda soċjali. Anke fi żmienu. U laqqamha 'wirt id-dlam tal-medju evu'. Sfortunatament, iż-żmien ma qerdux dal-wirt u baqa' sallum jiġi sfruttat. Ironikament, l-aktar f'oqsma intellettwali.

Ma kenitx tkun bla sens il-karba ta' Ġoġò mir-*Rigoletto*: '*Cortiggiani vil razza dannata*', kull xħin jiġi quddiem xi wħud minnhom. Għax għalih l-opri, bħall-*plays* ta' Shakespeare, huma universali, mogħnija b'messaġġ għal kull post u kull żmien. Fid-dinja tiegħu l-*corteggiani* kienu l-potenti u ma setax iġerraħhom fil-parroċċa tiegħu. Għalih il-parroċċa kienet post kulħadd. Bla distinzjoni. Għax mibnija fuq it-twemmin nisrani. Għalhekk kull sena nagħmlu festa lill-qaddis/a patrun/a. U nfaħħruh/a talli kien/et hu/hi li wassal/wasslet fostna dat-twemmin.

It-twaqqif tal-banda ma kellu x'jaqsam xejn ma' din il-festa. Il-banda twieldet fi Sqallija kawża ta' rinaxximent kulturali. U f'kull okkażjoni, festi profani u festi reliġjużi, ħadet sehem biex tagħti spettaklu u xxerred l-imħabba lejn l-arti mużikali.

Aħna f'Malta ma bqajniex lura. Bdejna b'erba' daqqaqa wara l-bibien: żavżava, betbut, żummara u tamburin. U spiċċajna bil-fagotti, bumbarduni, klarinetti, korni, korunetti, tnabar, platti, u x'ma nafx iżjed. L-għan, imma, baqa' l-istess: li nifirħu, u nferrħu. u li nħajru liċ-ċorma għal edukazzjoni akbar u usa'.

'*Kif riedu Dirjanu Lanzon u Pietru Attard mija u erbgħin sena ilu,*'nisthajlu jgħidli Ġoġò.'*Għalhekk fl-1855 kellna diġa banda fil-festa ta' Santa Marija.*'

Min mhux midħla tad-dinja żgħira ta' dawn il-pijunieri għandu mnejn jaħseb li Ġoġò kien jiġġerra mat-toroq biex idaħħak. Kif ħaseb is-Sur Wiġ.

Ġoġò, imma, ma kienx t'hekk. Il-familja tiegħu kienet waħda serja, mogħnija b'isqfijiet, surmastrijiet, tobba u avukati. Ħutu Pawlu u Antoine kienu artisti fil-veru sens tal-kelma. Pawlu kien, barra dekoratur tal-knejjes u responsabbli mill-monument tal-gwerra, appassjonat fil-mużika lirika. Kif kienu wkoll ħutu n-nisa Doris u Marija. Bħal Doris, imbagħad, ma nafx kienx hawn min jaħdem ir-rakkmu fid-deheb. Min jaf kemm eluf ta' ħluq temgħet minn dan ix-xogħol?

Kont inkun nistennih nhar ta' Tnejn biex immur għandhom għall-programm ta' *Martini e Rossi*! Fejn kont immur aħjar biex nisimgħu? Ftit kien hawn min kellu radju. Aħna ma kellnix. U lanqas kellna Rediffusion.

Omm Ġoġò, Marija, kienet ittir tarani. Għax bħali tpaċpaċ. U tant tpaċpaċ li l-istejjer ta' l-isqof Pietru Pace, u l-isqof Ġużeppi Pace, u l-avukat Ġiġi missier il-professur Ġovann Pace, tgħallimthom bl-amment. Kellha, imma, qalb tad-deheb.

Ma ninsihomx dawk iż-żminijiet. U lanqas lil Ġoġò, lis-sur Wiġ, lil Dolindu, jew lil *Martini e Rossi* bl-opra *I Pescatori di Perle!* Jibqa' f'moħħi u f'qalbi Ġoġò jxejjer, u r-radju b'leħen Beniamino Gigli jkanta:

'*Mi par d'udir ancora/nascosta in mezzo ai fior ...*'

## FEHMET L-GĦAWDXIN

# Għaliex ħafna jħossu l-bżonn li jitkellmu fuq ir-Radju ...



***Għal dawn l-aħħar għaxar snin jiena kont u għadni nippreżenta programm 'live' fuq Radju Calypso ta' kull nhar t' Erbgħa, bejn id-disgħa u l-ħdax ta' bil-lejl. Għalkemm id-direzzjoni ta' dan l-istazzjon ibbażat f'Għawdex kellha l-mira li dan ikun programm li matulu s-semmiegħa jċemplu u jgħidu ċajta sabiħa, nadifa, li ġġib tbissima, kif fil-fatt għadu jsir sa llum fil-parti l-kbira tal-programm, iżda minn xi snin 'l hawn bdejt ninduna li ħafna nies jagħmlu wegħda biex jaqbdu u mbagħad ma jgħidulek ċajta XEJN, iżda jieħdu gost joqogħdu jitkellmu miegħek dwar elf ħaġa, dwar kollox, għax, kif ngħidu bil-Malti, il-kliem bħaċ-ċirasa! Dawn is-sagħtejn qed idaħħluni f'ħafna djar ta' nies u niskopri s-solitudni, niltaqa' ma ħafna nies li jgħixu weħidhom, anzjani li jkunu jridu jitkellmu. U jien li ma ġejtx mutu u li jekk m'għandi xejn, il-karriera ta' għalliem rawmitni kif inħoll ilsieni, ma noqgħodx ħiemed, imma naqsam magħhom elf idea u nipprova nsib xi kelma adattata għal kull min iċempel, minn tfal ta' ftit snin li għadhom imorru l-Primarja sa xjuħ li kisru d-disgħin sena.***

*Ninnota kontinwament kemm niesna trid titkellem. Dan jidher ċar mill-ħafna '**talk-shows**' li jsiru fuq tant stazzjonijiet tar-radju u anke tat-televiżjoni. Ħafna jiftakru s-sett tar-'Rediffusion' li kien jagħti servizz tajjeb lis-semmiegħa, iżda kien, kif jgħidu l-Ingliżi, "**one way traffic**". Illum, bl-introduzzjoni tal-pluraliżmu fix-xandir, il-poplu tagħna qed jingħata ċ-ċans li jieħu sehem dirett f'tant programmi li ħafna drabi jibqgħu sejrin sa tard bil-lejl. Min hu midħla ta' dawn ir-radjijiet jinnota li hawn ħafna nies li l-hena tagħhom jaqbdu t-telefon u jitkellmu fuq diversi stazzjonijiet, li min naħa tagħhom, bosta drabi, jqassmu wkoll xi rigali biex ikomplu jiġbdu aktar semmiegħa. Illum sirt issib apparat modern u sofistikat f'bosta stazzjonijiet kommunitarji li jippreżentawlek skedi tajbin u li ma jagħmlux għajb lil radjijiet oħra stabbiliti. Ninnota li nibtu għadd sabiħ ta' tekniċi '**discjokeys**' u preżentaturi li kapaċi jsammruk mar-radju għal ħinijiet twal.*

*Niesna tħoss il-ħtieġa li twarrab il-melankonija u s-solitudni billi tiftaħ ir-radju li minnu ssib wieħed f'kull kamra biex hekk ma tħosshiex waħidha, magħluqa f'xi ħabs u maqtugħa mill-bqija tad-dinja. Il-programm tal-Calypso wrieni biċ-ċar li, qabel iċ-ċajta, dak li jkun irid iferra ħafna drabi dak li jkollu f'qalbu, sew niket kemm ferħ u jaqsmu mas-semmiegħa. Ir-radju jgħaqqad familji sħaħ u mhux darba w tnejn issib persuni li reġgħu tkellmu u semgħu b'xulxin wara għadd sabiħ ta' snin. Din hi ħaġa tassew pożittiva. Kemm tisma' nies isellu għal xulxin!*

*Bla dubju llum id-dinja saret villaġġ wieħed u mhux darba w tnejn niesna msefrin jidħlu magħna minn dak 'il bogħod kollu u jaqsmu magħna xi esperjenza sabiħa u jagħtuna tagħrif dwar is-safar tagħhom. Dan huwa l-internet li ġab fix-xejn id-distanzi li jifirduna. Illum il-familja tista' tixgħel il-kompjuter u permezz tiegħu tikkomunika ma' ħbieb u qraba msefrin għal ħinijiet twal, wara s-sitta ta' filgħaxija bi spiża tassew minima. Naturalment dan il-mezz ġdid jista' jkun ukoll abbużat u flok għaqda joħloq firda u problemi. Dan wara kollox jgħodd ukoll matul programmi "live" fuq ir-radjijiet tagħna.*

*Żgur imma li dawn il-mezzi kollha jistgħu iservu ta' tant ġid fost il-poplu tagħna. Illum sirt tista' ssegwi trasmissjoni diretta ta' kwalunkwe ħaġa li tkun qed tiġri barra mill-istudios ta' l-istazzjon.*

*Ejjew nitolbu lil San Franġisk de Sales, isqof ta' Ginevra, patrun tal-ġurnalisti, kittieba u xandara, biex il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali jkunu dejjem ta' ħolqa bejnietna. Nitolbuh lil dan id-duttur tal-Knisja biex ikompli jillumina l-imħuħ ta' dawk kollha li jużaw ir-radju bħala pulptu biex iwasslu dejjem il-kelma tas-sewwa.*

**Kav. Joe M. Attard.**
**(Victoria)**

Kif jaħsbuha l-qarrejja tagħna

# Radd il-Ħajr u Rikonoxxenza lejn l-Isqof Tagħna f'għeluq il-75 Sena ...



***Nhar it-2 ta' marzu 2004 l-Isqof tagħna jagħlaq il-75 sena tiegħu u għalhekk, kif titlob il-liġi kanonika, wasal iż-żmien li joffri r-riżenja tiegħu minn Ordinarju tad-Djoċesi. Dan ma jfissirx li bilfors se jispiċċa għax ir-riżenja trid tiġi milqugħa mill-Qdusija Tiegħu l-Papa. L-anqas ma jfisser li sejrin nitilfu l-kwalitajiet sbieħ u eċċezzjonali li bihom hija mżejna l-persuna awgusta tiegħu, għaliex sakemm jogħġbu l-Mulej żgur li ser jibqa' jkun ta' ispirazzjoni nisranija għalina lkoll. Għalhekk f'din il-ħarġa nixtieq ningħaqad ma' l-Għawdxin kollha, u fil-waqt li nirringrazzjawh ta' dak kollu li għoġbu jagħti lid-djoċesi tagħna matul is-37 sena li ilu jmexxina bħala isqof tagħna, ikompli għal iktar snin jaħdem għall-glorija t'Alla u l-ġid tal-Knisja.***

*Il-ħidma ta' Mons. Cauchi fil-Knisja ma bdietx mal-ħatra tiegħu bħala Isqof tad-djoċesi fl-1967, għaliex il-ħarsa saċerdotali tiegħu kienet dejjem miftuħa fuq il-knisja kollha, b'mod partikolari lejn id-djoċesi tagħna. Huwa ħadem bħala Assistant Ekleżjastiku Ġenerali ta' l-Azzjoni Kattolika, direttur tal-Moviment ta' Kana, Prefett ta' l-Istudji fis-Seminarju tagħna u direttur tal-Moviment Azzjoni Soċjali, u Editur tar-rivista tagħna li dakinhar kellha l-isem "**Għawdex**". Anki meta kien kappillan tal-parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, il-Fontana, Mons. Cauchi qatt ma ngħalaq fiċ-ċirku parrokkjali, imma dejjem kien iħares lejn id-djoċesi kollha kemm hi.*

*L-Għawdxin kollha jistgħu jgħidu li b'xi mod jew ieħor ibbenefikaw mill-ħidma bla waqfien ta' Mons. Cauchi f'kull aspett. Fl-aspett reliġjuż u spiritwali huwa għamel ħafna u ħafna ġid, speċjalment bl-omeliji sbieħ tiegħu u bil-kitbiet diversi li ħallielna u nisperaw li jibqa' jagħtina 'l quddiem, il-kelma prolifika tiegħu kemm fuq il-mezzi tax-xandir kif ukoll fil-priedki interessanti li jaf jinseġ. Fl-aspett soċjali l-poplu dejjem sab fih missier ta' qalb kbira, twajjeb u ħanin, li jifhem il-bżonnijiet tal-bniedem, japprezza r-rieda tajba ta' dak li jkun, u jgħin u jagħmel kuraġġ lil kulħadd. Għalhekk din is-sena nawguraw lill-isqof tagħna "**Ad Multos Annos**" speċjali, u jalla l-Mulej iżommu qawwi u sħiħ għal bosta snin oħra.*

**Dun Anton Dimech**
**(Żebbuġ)**

***Nota Editorjali*: Il-fehmiet li jistqarru l-qarrejja u l-korrispondenti tagħna m'humiex neċessarjament dawk tad-Direzzjoni tar-Rivista. Ittri anonimi jew artikli b' "nom de plume" ma jiġux ippubblikati.** *Id-Direzzjoni*

# int u saħħtek



*L-appuntament ta' Dr Mario Saliba M.D. mal-qarrejja tagħna.*

## Il-Puplesija



Kundizzjoni li sfortunatament hija komuni speċjalment f'persuni ta' 'l fuq minn 70 sena hija l-puplesija. Din tiġri meta parti mill-moħħ ma tibqax tirċievi demm u ossiġnu, jew inkella parti mill-moħħ tmut minħabba pressa għal tul ta' żmien minn demm li jkun ħareġ minn arterja li tinqasam; din tissejjaħ emoraġġija fil-moħħ. Ir-raġuni għaliex parti mill-moħħ ma' tibqax tirċievi demm tista' tkun minħabba li waħda mill-arterji fil-moħħ tingħalaq minħabba li tifforma ġo fija għoqda demm li tissejjaħ trombożi jew minħabba xi għoqda demm li tkun ġiet minn parti oħra tal-ġisem; dan jissejjaħ embolu.

Hemm diversi fatturi ta' riskju li jwasslu għall-puplesija. Uħud minn dawn il-fatturi, bħal ngħidu aħna rikorrenza fil-familja u l-età, ma jistgħux jinbidlu; madankollu hemm bidliet fl-istil tal-ħajja li tista' tadotta biex tnaqqas ir-riskju li tgħaddik puplesija. Fost dawn il-fatturi li nistgħu nikkontrollaw hemm: a) **il-pressjoni għolja fid-demm**. Pressjoni għolja fid-demm tagħmel ħsara lill-arterji inkluż dawk tal-moħħ; b) **kolesterol għoli**. Xaħam żejjed fid-demm iżid ir-riskju li tgħaddik puplesija minħabba li x-xaħam idejjaq l-arterji; ċ) **id-dijabete**. Anke l-marda taz-zokkor tagħmel ħsara lill-arterji kemm-il darba ma tkunx ikkontrollata tajjeb; d) **il-ħxuna u n-nuqqas ta' eżerċizzju**. Jekk għandek il-piż żejjed, iċ-ċansijiet li tiżviluppa pressjoni għolja fid-demm, dijabete, mard tal-qalb jiżdiedu. L-eżerċizzju regolari jgħin biex inaqqas u jżomm il-pressjoni fid-demm normali, ibaxxi l-livell tal-kolesterol, itejjeb iċ-ċirkulazzjoni u jgħinek tikkontrolla l-istress; e) **it-tipjip**. Dan jagħmel ħsara lill-arterji tal-ġisem kollu inklużi l-arterji tal-moħħ. Ieqaf pejjep issa! Qatt mhu tard biex taqta'! f) l-**użu tad-droga** bħal ma huma l-amfetamini, il-kokaina, u l-eroina





jġorru magħhom riskju għoli ta' puplesija minn emboliżmi fil-moħħ. Dawn is-sustanzi jikkawżaw pressjoni għolja fid-demm f'salt, taħbit tal-qalb irregolari u jdgħajfu ċ-ċirkulazzjoni tad-demm fil-moħħ, li kollha kemm huma jwasslu għall-puplesija; ġ) **l-istress** huwa fattur ieħor li jista' jikkawża pressjoni għolja fid-demm u allura riskju ta' puplesija; g) **xorb eċċessiv ta' alkoħol**. Ammont ta' xorb żejjed u ta' kuljum jista' jgħolli l-pressjoni u l-kolestrol fid-demm.

Għalhekk, minn dak li rajna hija ħaġa evidenti li bħala privenzjoni hemm bżonn ta':

- dieta sensibbli
- drawwiet ta' xorb ikkontrollat
- eżerċizzju regolari
- innaqqsu l-istress
- stil ta' ħajja ħielsa mid-droga u t-tipjip
- nevitaw piż żejjed.

Meta persuna ttiha puplesija l-ħajja tagħha ser tinbidel bħal lejl minn nhar. Dan għaliex din il-persuna ser tibqa' tiddependi minn persuna oħra skond il-gravità tal-puplesija, u xi kultant ftit ikun hemm titjib fil-kundizzjoni tal-marid. Normalment, jekk il-puplesija ma tkunx gravi ħafna li minħabba fija l-pazjent imut, xi fejqan iseħħ fl-ewwel ġimgħat ta' wara l-puplesija. Il-fejqan jiddependi fuq l-ammont ta' ħsara li tkun saret fil-moħħ u fuq il-proċess ta' rijabilitazzjoni li jinvolvi tabib, infermiera u fisjoterapista. Il-familja hija wkoll sors importanti ta' sapport. Hemm min il-familja tista' tkompli tieħu ħsiebu u hemm min ma għandux din il-barka.

Għalhekk il-kura ta' persuni li kellhom puplesija hija komplikata u tinħtieġ il-koperazzjoni tal-familja mat-tabib u l-*carers* l-oħra. Il-kura u l-għajnuna tista' tieħu fit-tul u tista' tinvolvi wkoll ċertu ammont ta' spejjes minħabba mediċini, addattament tad-dar u kura oħra meħtieġa. Irid ikun hemm ukoll adattament kemm mill-pazjent u kemm minn membri oħra tal-familja għas-sitwazzjoni ġdida. Aħna l-Għawdxin





magħrufa kemm nieħdu ħsieb il-familjari tagħna u dan jidher minn numru ta' familji li jieħdu ħsieb fid-dar tagħhom stess membri tal-familji li kellhom puplesija. Il-kura li jingħataw f'darhom stess tnaqqas ħafna mit-tbatija li dawn il-pazjenti jħossu, u fl-opinjoni tiegħi dawn qegħdin jagħtu servizz utli għax qed jiffrankaw ħafna xogħol u flejjes lill-istat!

*(L-email ta' Dr Saliba huwa: msaliba@waldonet.net.mt).*
*Website: www.mariosaliba.com*

Ta' Pawlu



Bar & Restaurant
*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.

LANTERN
Guest House
Restaurant • Pizzeria
MARSALFORN - GOZO
Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt
SEA VIEW APARTMENTS ALSO AVAILABLE




# *Jiftaħ Staġun ieħor tal-Futbol, 2003/2004*

## *Żebbuġ Rovers jirbħu n-Noel Vassallo Cup*



*Żebbuġ Rovers* għatxana għas-suċċessi rnexxielhom b'wirja determinanti jirbħu dan l-ewwel unur staġjonali tagħhom meta għelbu fil-finali bl-iskor ta' 3-0 lil *Nadur Youngsters* f'din it-tieni edizzjoni tan-*Noel Vassallo Cup*. Kienet finali ripetazzjoni tal-istaġun l-ieħor meta dak in-nhar kienu l-*Youngsters* li ħadu t-tazza wara l-għoti tal-*penalties*. Għalhekk din ir-rebħa Żebbuġija kienet ta' tpattija sportiva lill-avversarji. Żebbuġ, li f'dan l-istaġun huwa l-iktar tim kompatt fil-gżira Għawdxija, akkwistaw riżultat simili bħal tal-aħħar żewġ logħbiet tagħhom tal-kampjonat. Il-wirja ta' Żebbuġ kienet kollettiva fejn il-*players* lagħbu bi qlubija kbira. Madankollu l-*player* tal-partita kien il-Braziljan Leandro li ħarbat lid-difiża avversarja bil-logħob u l-krosses tiegħu. Wirja li huwa ggalvanizza b'*goal* mill-isbaħ appena bdiet it-tieni taqsima.

Il-*holders* Nadur minn naħa tagħhom ħassew ferm in-nuqqas ta' Marlow f'nofs il-*ground,* fejn diversi drabi kellhom jikkontrollaw b'diffikultà l-inizjattiva tal-avversarji tagħhom. Huma għamlu li setgħu kontra s-saħħa u l-qawwa ta' Żebbuġ, iżda żewġ *goals* fl-aħħar minuti tal-ewwel taqsima qatgħewhom mil-logħba.

Kienu Żebbuġ li bdew tajjeb fejn wara żewġ *corners* konsekuttivi li fihom ma rriżulta xejn, fir-raba' minuta Eboh bir-ras impenja lil Vella. Imbagħad fit-8 minuta Leandro tefa' kross perfett iżda kemm Eboh kif ukoll Cardona ma laqtux minn taħt il-lasti. Nadur wieġbu mal-kwarta logħob b'*corner* ta' A.Portelli, b'K.Buttigieg ikollu x-xutt insidjuż tiegħu jkun imblukkat f'*corner* ieħor. Imbagħad ftit wara Xuereb tajjar kif seta' l-*freekick* ta' M.Bonello. Fit-28 minuta l-istess Bonello tefa ftit għoli minn freekick ieħor. Żebbuġ minn naħa tagħhom organizzaw aħjar fejn fil-35 minuta f'azzjoni veloċi Leandro ta pass perfett lejn Eboh, li n-Niġerjan iżda ma laqatx kif xtaq minn quddiem lasti vojta. Fuq in-naħa l-oħra mbagħad kien il-*goalkeeper* Xuereb li caħħad lil Nadur mill-vantaġġ meta b'saqajh imblokka għal *corner* ix-xutt mill-viċin ta' J.Portelli. Fl-44 minuta Żebbuġ fetħu l-iskor. Azzjoni ta' Cardona li kompla lejn Leandro bil-kross tiegħu jsib lil JOHN EBOH li bir-ras tefa' ġewwa minkejja l-attentat ta' Vella li jilqa'.



Inkoraġġiti mill-vantaġġ, Żebbuġ ma ħarsux lura u żewġ minuti fuq il-ħin żiedu ieħor. Azzjoni oħra eleganti ta' Leandro li wara li ħeles minn tliet difensuri, żmarka lil Cardona li waħdu fil-kaxxa ra lil Vella jsalvalu parzjalment biex RUEBEN GALEA kien fil-post biex tefa' fl-lasti vojta.

Fit-tieni taqsima Żebbuġ baqgħu offensivi tant li wara biss erba' minuti żiedu *goal* ieħor. Kien *goal a la Brażiljana* fejn Leandro b'azzjoni personali baqa dieħel u b'xutt nofs għoli minn pożizzjoni angulata għeleb lil Vella. Nadur irrispondew fit-13-il minuta b'xutt ta' Hili salvat minn Xuereb, u ftit wara l-istess *goalkeeper* laqa' *freekick* ieħor ta' Bonello. Imbagħad kienu r-Rovers li reggħu marru viċin meta Cardona qassam lejn Leandro li b'xutt fuq il-ġirja żbalja l-mira. Fit-23 minuta reġa' kien Bonello li għal Nadur impenja lil*l-goalkeeper* Xuereb bi *freekick* ieħor. Intant bir-riżultat ġa aċċertat, Żebbuġ baqgħu jipprovaw għalkemm bdew jaħlu diversi blalen fejn bosta drabi bdew jinqabdu fil-pożizzjoni ta' *offside*. Fit-33 minuta, saret azzjoni oħra mibdija minn Cardona li baqa' dieħel fil-kaxxa, iżda Vella xelliflu għal *corner*. Imbagħad, f'azzjoni fuq in-naħa l-oħra, Ihbuelu tefa' ftit għoli b'xutt minn tarf il-kaxxa. Qabel intemmet il-partita, kien Vella fil-lasti tal-Youngsters li salva fuq Eboh.

Fi tmiem il-finali, Joe Cordina, President tal-GFA ppreżenta n-*Noel Vassallo Cup* lil Franco Magrin, *captain* ta' Żebbuġ Rovers, fost il-ferħ tal-partitarji numerużi tagħhom, u oħra lil Mario Bonello bħala *captain* tal-finalisti Nadur.

## *Kerċem Ajax jirbħu bil-"golden goal".*

F'finali mill-iktar missielta Kercem Ajax, immexxija mill-*coach* Louis Grech, irnexxielhom jakkwistaw dan l-unur, *golden goal* tal-*captian* Manwel Tabone. Matul il-partita ż-żewġ timijiet stinkaw biex jirbħu dan l-unur iżda ż-żewġ difiżi kienu ferm attenti għal kull manuvra tal-attakkanti rispettivi. Imbagħad kellu jkun l-ħin barrani li ddeċieda fejn ser tmur it-tazza.




Fi tmiem il-finali l-istess Manwel Tabone, l-awtur ta' l-uniku *goal* tal-partita, kien ippreżentat bit-tazza bħala l-*captian* tat-tim ta' Kercem Ajax minn Felix Apap, President tal-*Youth FA* Għawdxija.

## *Nadur Youngsters jirbħu bil-"penalties"*

*Nadur Youngsters* 1(1) *SK Victoria Wanderers* 1(0)

(Nadur rebħu 5-4 bil-*penalties*)



F'logħba missielta ħafna dawn iż-żewġ timijiet offrew logħba interessanti u anke f'mumenti minnhom aggressiva. Kienu Nadur li fetħu l-iskor fis-27 minuta tal-ewwel taqsima permezz ta' KEVIN BUTTIGIEG. Imbagħad, wara l-interval *SK Victoria* insistew ħafna biex jidħlu fil-partita u wara li kienu sfortunati meta J.Mizzi laqat il-minduda, fil-25 minuta ġustament akkwistaw id-*draw* b'daqqa ta' ras ta' PAUL SULTANA wara *freekick* angulat ta' Sciortino. B'hekk il-logħba kellha tidħol fil-barrani, iżda f'dawn l-20 minuta żejda l-ebda tim ma rnexxielu jiskorja biex il-partita kellha tiġi deċiża bil-*penalties*. Nadur skurjawhom il-ħamsa permezz ta' Kevin Buttigieg, Patrick Falzon, Shaun Muscat, Jeffrey Meilak u Charles Hili biex ħarġu rebbieħa. Mentri għal SK Victoria skurjaw Simon Gatt, Joseph Mizzi, Joseph Refalo u Chris Sciortino, filwaqt li Michael Tabone kellu t-tentattiv tiegħu salvat mill-*goalkeeper* Chris Azzopardi.

Fi tmiem il-finali Saviour Muscat, *Manager* tal-BOV għal Għawdex, assistit minn uffiċjali għolja tal-*Youth FA*, ippreżenta t-tazza lil Tony Bartolo, *captain* ta' Nadur *Youngsters* u oħra lil Joseph Refalo, *captain* tal-finalisti telliefa *SK Victoria Wanderers*.



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### *Bi żball bela' "toothbrush"... Mhux waħda imma tnejn!*

Raġel ta' 54 sena mit-Tanżania ma bediex is-sena 2004 bl-aqwa mod possibbli. F'nofs Jannar, waqt li kien qed jaħsel snienu, bela' t-*toothbrush*. Iddaħħal l-isptar u operawh mill-ewwel. Wara jumejn l-isptar ir-raġel ntbagħat lura d-dar. Erbat' ijiem wara sab il-kuraġġ u reġa ħasel snienu. Stqarr li kellu rogħda qawwija ma' ġismu kollu. U ħaġa ta' l-iskantament – reġa' bela' *toothbrush* oħra! Illum snien il-ħabib tagħna bdew jisfaru!

### *Jaħraq il-gradenza tal-mara tiegħu... biex ipattihiela!*

Raġel Messikan tressaq il-Qorti ftit tal-jiem ilu u ġie akkużat li ħaraq il-gradenza favorita tal-mara tiegħu wara li din ma ridetx tneħħi minn fuqha r-ritratt tal-ex-maħbub tagħha. Ir-raġel, Carlos Peviera, qal lill-imħallef li hu kien taha *ultimatum* ta' ġimgħa. Però, x'ħin ra il-mara webbset rasha, ma riedx iħalliha għaddejja lixxa ...

### *Raġel jagħti donazzjoni lill-knisja... u reġa' bdielu!*

Raġel Amerikan qed iwissi lill-kappillan tal-parroċċa tiegħu li lest itellgħu l-Qorti jekk dan ma jagħtihx lura s-somma ta' madwar Lm40,000 li r-raġel kien għadda lill-parroċċa bi żball. Ir-raġel, Marcel Mager, kien għadda l-flus lill-knisja ftit jiem wara li mietet martu fl-1998. Però llum qed jgħid li dak inhar moħħu ma kienx qed jaħdem sew, u allura irid li l-flus jerġgħu jingħatawlu lura. Mur emmnu!

### *'Goldfish' tagħlaq 44 sena... Aktarx l-ixjeħ waħda fid-dinja!*

Ftit tal-jiem ilu, *goldfish* miżmuma f'vaska ta' l-ilma ħelu fi Bradninch, f'Devon, għalqet 44 sena! Il-*goldfish*, bl-isem Goldie, twieldet fl-1960, fi żmien il-Beatles! Sid il-*goldfish*, Pauline Evans, għandha 70 sena u temmen li l-*goldfish* tagħha hi l-ixjeħ waħda fid-dinja.

### *Ħalliel jieħu l-flus u nagħsa ħelwa, u ...*

Ħalliel Ġermaniż ġie arrestat waqt li nstab rieqed f'sodda ta' dar li kien qed jisraq. Ir-raġel, li għandu 48 sena, jidher li kien għajjien sew waqt il-ħin tas-serqa u ħaseb li seta' jorqod għal ħames minuti. Ir-raġel nstab l-għada filgħodu minn sid id-dar, li mill-ewwel informa lill-pulizija. Sabuħ jonħor bil-flus f'idu!



**Il-Port il-Kbir fl-1860**

**Dan il-vapur tal-gwerra, imżejjen għall-*Birthday* tar-Reġina Victoria fl-1860, jagħtina idea kif kienu l-vapuri ngliżi ġol-port ewlieni ta' Malta fi żmien il-kolonjaliżmu brittaniku. X'differenza enormi mid-"destroyers" u frejgati moderni ta' żmienna !**


Skont ta' 10% fuq kotba mill-isbaħ għat-tfal ...dejjem!
LUMEN CHRISTI BOOKSHOP
Victoria, Gozo - tel. 2156 0496
366 Bible Stories
Classic Enid Blyton Stories
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
World History Encyclopedia
Millennium Edition
366 Fairy Tales
Science Experiments
Europe
The European Community and how it works
365 Talba Għat-Tfal
Children's World Atlas
L-Istorja ta' Ġesù
miktuba għat-tfal
L-Bibbja Għat-Tfal
The Illustrated Flag Handbook

# X'ifisser sewwa: "Jiena nemmen"? U kif għandi "ngħix fi Kristu"?

**Dawn huma żewġ mistoqsijiet fundamentali għal kull veru Nisrani... Issib tweġiba ċara għalihom f'żewġ kotba ġodda u differenti li ħarġu mill-moħħ u l-qalb ta' Awturi Kattoliċi ta' fama internazzjonali...**

## FL-AĦĦAR BIL-MALTI WKOLL!

*Il-"Lumen Christi Publications" ta' Għawdex għandha l-pjaċir tħabbar il-ħruġ ta' dawn iż-żewġ kotba:*

## "X'NEMMEN?"
### IL-FIDI MISTĦARRĠA




**mit-Teologu Pollakk Tadeusz Dajczer**

- B'apprezzament mill-Papa Ġwanni Pawlu II u messaġġi mit-teoloġi magħrufa, Bruno Forte u René Laurentin.
- Ktieb famuż ippubblikat fi 15-il lingwa qabilna u li qed jiġi tradott fi 12-il lingwa oħra.
- Eżami profond tal-fidi li "taħseb" li għandek, u "sejħa kostanti għall-abbandun tagħna nfusna lil Alla, u għar-radikaliżmu fil-Fidi Nisranija li tamalga ma' l-Evanġelizzazzjoni l-Ġdida, kif proklamata diversi drabi mill-Papa Ġwanni Pawlu II".




## "NGĦIXU FIL-MULEJ"

**Ġabra ta' 52 artiklu differenti fuq suġġetti ta' spiritwalità biblika u post-konċiljari minn Awturi Amerikani diversi**

- Morton Kelsey, George Maloney, David Geraets, Andrew Miles u ħafna oħrajn juruk "kif" u "għaliex" il-ħajja tagħmel sens fi Kristu l-Mulej.
- Ktieb imqassam fuq 52 ġimgħa, b'suġġetti differenti, biex "tiekol minnu" matul is-sena kollha.
- Utli ħafna għall-meditazzjoni personali u għal-laqgħat ta' studju u diskussjoni fil-gruppi u fl-għaqdiet reliġjużi.

## ŻEWĠ RIGALI SBIEĦ... GĦALIK U GĦAL ĦBIEBEK!

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

*Akkwistahom malajr minn għand il-librara tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex, għall-prezz ta' Lm 3.50ċ-il wieħed.*

**LUMEN CHRISTI MEDIA CENTRE, VICTORIA, GĦAWDEX - TEL: 2156 0496**